Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Settembru 2026**
**(OR. en)**

**13300/26**

**COPEN 337**
**JAI 1163**
**FREMP 291**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Settembru 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 497 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 497 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 497 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2026
COM(2026) 497 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni**

**Introduzzjoni**

Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni ([1]) (minn hawn 'il quddiem: ir-"Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni"). Ir-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni tikkostitwixxi l-ewwel att tal-UE biex jiġu inkorporati standards dwar l-arrest preventiv u l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni.

Il-paragrafu 87 tar-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar is-segwitu tagħhom għal dik ir-Rakkomandazzjoni fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tagħha. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tivvaluta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 24 xahar mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni tenfasizza li l-arrest preventiv irid jibqa' miżura tal-aħħar istanza, applikata biss fejn strettament meħtieġ u meta ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva xierqa. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni iridu jkunu tali li jirrispettaw standards minimi sabiex titħares id-dinjità tal-persuna umana u biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali. Dawn il-prinċipji mhumiex biss essenzjali fihom infushom, iżda wkoll jiffurmaw il-pedament tal-fiduċja reċiproka li hija essenzjali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja bla xkiel fi ħdan l-UE.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tistabbilixxi li l-arrest preventiv irid jitqies bħala miżura eċċezzjonali u li għandu jsir l-użu l-aktar wiesa' possibbli minn miżuri ta' kontroll mingħajr arrest qabel il-proċess. Perjodi twal b'mod eċċessiv ta' arrest preventiv huma ta' dannu għall-individwu, u xejra ta' detenzjoni twila b'mod eċċessiv f'xi Stat Membru partikolari tista' timmina l-fiduċja reċiproka.

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI dwar l-Ordni ta' Superviżjoni Ewropea (ESO) għandha l-potenzjal li tnaqqas l-arrest preventiv fl-UE, iżda l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri għadha limitata mmens.

Barra minn hekk, meta l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni jaqgħu taħt l-istandards miftiehma, l-effetti jinħassu lil hinn mill-każ individwali. Akkomodazzjoni fqira, affollament eċċessiv, nuqqas ta' aċċess għall-kura tas-saħħa u salvagwardji insuffiċjenti għall-gruppi vulnerabbli jqajmu tħassib serju skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dawn in-nuqqasijiet jaffettwaw direttament l-operat tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE), peress li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jridu jirrifjutaw li jċedu persuna rikjesta jekk ikunu f'riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti. F'dawn l-aħħar snin, il-qrati skrutinizzaw dejjem aktar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, li wasslu għal dewmien, rekwiżiti evidenzjarji addizzjonali u, f'xi każijiet, rifjut milli jeżegwixxu MAE.

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni, C/2022/8987, (ĠU L 86, 24.3.2023, p. 44).

L-istatistika disponibbli dwar il-MAE ([2]) turi li, mill-2016, fi kważi 586 każ, l-Istati Membri rrifjutaw jew ittardjaw l-eżekuzzjoni għal raġunijiet relatati ma' riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u ma' kundizzjonijiet materjali inadegwati ta' detenzjoni.

Inħolqot ukoll prattika ta' tiftix ta' assigurazzjonijiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji rikjedenti.

Dan juri r-rwol ċentrali tal-istandards ta' detenzjoni fiż-żamma tal-fiduċja reċiproka ([3]). Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jiddependi mill-preżunzjoni li l-Istati Membri kollha jiżguraw livell ekwivalenti u xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet. Meta din il-preżunzjoni tiddgħajjef minn evidenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fid-detenzjoni, l-effiċjenza u l-kredibbiltà tal-mekkaniżmu tal-MAE jiġu kompromessi. Dan inaqqas il-fiduċja fost l-awtoritajiet ġudizzjarji, jaffettwa l-kooperazzjoni f'kawżi kriminali transfruntieri u jpoġġi piż addizzjonali fuq il-qrati biex jivvalutaw il-konformità fuq bażi ta' każ b'każ.

F'dan ir-rigward, il-laqgħat fl-2025 tal-Forum ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Ġustizzja Kriminali (HLF) dwar regoli possibbli tal-UE dwar l-arrest preventiv u l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni qasmu l-opinjoni tal-parteċipanti. Grupp wieħed saħaq li l-kwistjonijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali, peress li jaqgħu taħt l-awtonomija proċedurali nazzjonali, filwaqt li l-grupp l-ieħor talab azzjoni fil-livell tal-UE biex jitfasslu standards vinkolanti ta' protezzjoni. L-ewwel grupp esprima l-ftuħ għal aktar miżuri ta' liġi mhux vinkolanti, bħall-finanzjament tal-proġetti, u saħaq fuq il-ħtieġa li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni. It-tieni grupp enfasizza evidenza qawwija ta' nuqqasijiet fl-istandards ta' detenzjoni tal-Istati Membri u n-nuqqas ta' adegwatezza tal-mekkaniżmi preventivi eżistenti fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa.

---

([2]) https://commission.europa.eu/publications/replies-questionnaire-quantitative-information-practical-operation-european-arrest-warrant_en.

([3]) Is-sentenzi tal-QĠUE fil-Kawżi Aranyosi u Căldăraru (il-Kawżi Magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU), ML (C-220/18 PPU), Dorobantu (C-128/18) u Breian (C-318/24) urew kif il-kundizzjonijiet materjali jistgħu jaffettwaw il-fiduċja reċiproka fil-prattika.

**Metodoloġija**

Dan ir-rapport ta' implimentazzjoni jeżamina kif l-istandards tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv u l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni jiġu applikati fis-27 Stat Membru. Dan ifittex li jipprovdi ħarsa ġenerali komparattiva tal-oqfsa u tal-prattiki legali eżistenti, filwaqt li jenfasizza oqsma ewlenin ta' konverġenza u diverġenza, u lakuni fl-implimentazzjoni.

L-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar is-segwitu tagħhom għar-Rakkomandazzjoni fi żmien 24 xahar mill-adozzjoni tagħha. Għal dak il-għan, fl-2024 ġew żviluppati kwestjonarji f'kooperazzjoni mal-persunal tal-ħabs, mal-imħallfin u mal-prosekuturi, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT) u mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni, il-kwestjonarju jenfasizza l-aktar fuq l-implimentazzjoni prattika tal-istandards kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni. L-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni leġiżlattiva ta' dawn l-istandards għall-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni għal kull Stat Membru diġà tista' tinstab fil-Bażi tad-Data tad-Detenzjoni Kriminali tal-FRA, li ġiet żviluppata fuq talba tal-Kummissjoni u hija aċċessibbli għall-pubbliku fuq https://fra.europa.eu/en/databases/criminal-detention/.

Il-kwestjonarju serva wkoll biex tinkiseb informazzjoni dwar kif l-Istati Membri implimentaw id-drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv u kif applikaw l-arrest preventiv fil-prattika.

Il-kwestjonarji ġew sottomessi permezz ta' Stħarriġ tal-UE fl-24 ta' Lulju 2024. Il-Kummissjoni rċeviet it-tweġibiet kollha tal-Istati Membri sa Ġunju 2025.

Filwaqt li pparteċipaw l-amministrazzjonijiet tal-ħabs tal-Istati Membri kollha, mhux kollha wieġbu għal kull mistoqsija fil-kwestjonarju. Barra minn hekk, is-sistemi ta' informazzjoni li jappoġġaw il-ġbir tad-data jvarjaw ħafna. Xi Stati Membri jżommu bażijiet tad-data ċentralizzati avvanzati li jintraċċaw il-livelli ta' okkupanza, l-inċidenti, ir-reklużjoni, l-ilmenti, il-persunal u l-parteċipazzjoni fil-programm. Oħrajn jibbażaw fuq iż-żamma tar-rekords deċentralizzata jew manwali, li tillimita l-kapaċità li tinġabar data jew li jiġu mmonitorjati x-xejriet.

Meta l-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni, sabet li xi Stati Membri kienu pprovdew informazzjoni mhux kompluta, filwaqt li oħrajn kienu pprovdew data dettaljata ħafna. L-ammont u l-kwalità tad-data pprovduta lill-Kummissjoni varjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri. Għalhekk, hemm riskju li jitfasslu konklużjonijiet distorti jew li tiġi ppreżentata stampa qarrieqa tas-sitwazzjoni ta' detenzjoni fi Stati Membri individwali.

Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni għalhekk se tippubblika dan ir-rapport, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni madwar l-UE fir-rigward tad-drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv u l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni.

Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa skedi informattivi tal-pajjiżi dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa skont il-proġett konġunt UE/Kunsill tal-Ewropa li għaddej bħalissa ([4]). L-iskedi informattivi

([4]) https://www.coe.int/en/web/implementation/european-npm-forum.

jistgħu jservu wkoll bħala għodda aċċessibbli li tipprovdi ħarsa ġenerali ċara lejn is-sitwazzjoni ta' detenzjoni f'kull Stat Membru, anke fil-kuntest ta' valutazzjonijiet skont l-MAE.

Il-valur miżjud ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi għarfien dwar kif tiġi applikata r-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni madwar l-UE. L-analiżi għandha l-għan li tevalwa l-konformità fost l-Istati Membri, kif ukoll li tidentifika lakuni sistemiċi fejn tkun meħtieġa aktar konverġenza. Il-konklużjoni ta' dan ir-rapport mhux biss tiddeskrivi n-nuqqasijiet iżda tenfasizza wkoll eżempji ta' prattika tajba.

**STANDARDS MINIMI GĦAD-DRITTIJIET PROĊEDURALI TA' PERSUNI SUSPETTATI U AKKUŻATI SOĠĠETTI GĦAL ARREST PREVENTIV**

## 1. L-Arrest preventiv bħala miżura tal-aħħar istanza u alternattivi għad-detenzjoni

*(14) L-Istati Membri jenħtieġ li jimponu l-arrest preventiv biss fejn ikun meħtieġ strettament u bħala miżura tal-aħħar istanza, filwaqt li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ individwali. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri alternattivi fejn possibbli.*

*(15) L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw preżunzjoni favur il-ħelsien. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jġorru l-oneru tal-prova sabiex juru l-ħtieġa li jiġi impost l-arrest preventiv.*

*(16) Sabiex jiġi evitat użu mhux xieraq tal-arrest preventiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu disponibbli l-usa' firxa possibbli ta' miżuri alternattivi, bħall-miżuri alternattivi msemmija fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja.*

*(17) Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu: (a) obbligi ta' dehra quddiem awtorità ġudizzjarja kif u meta jkun meħtieġ, li ma tfixkilx il-kors tal-ġustizzja u li wieħed ma jinvolvix ruħu f'imġiba partikolari, inkluża dik involuta fi professjoni jew f'impjieg partikolari; (b) ir-rekwiżiti li tirrapporta ta' kuljum jew fuq bażi perjodika quddiem awtorità ġudizzjarja, il-pulizija jew awtorità oħra; (c) ir-rekwiżiti li taċċetta s-superviżjoni minn aġenzija maħtura mill-awtorità ġudizzjarja; (d) ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sottomessi għall-monitoraġġ elettroniku; (e) ir-rekwiżiti li tirrisjedi f'indirizz speċifikat, b'kundizzjonijiet jew mingħajrhom fir-rigward tas-sigħat li għandek tkun rinkażat hemmhekk; (f) ir-rekwiżiti li ma titlaqx minn jew li ma tidħolx f'postijiet jew f'distretti speċifikati mingħajr awtorizzazzjoni; (g) rekwiżiti li ma tiltaqax ma' persuni speċifikati mingħajr awtorizzazzjoni; (h) ir-rekwiżiti ta' ċediment ta' passaporti jew ta' dokumenti oħra ta' identifikazzjoni; u (i) ir-rekwiżiti li tipprovdi jew tiżgura forom finanzjarji jew forom oħra ta' garanziji marbuta mal-imġiba matul il-proċess.*

*(18) Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu li, meta garanzija finanzjarja*

Il-biċċa l-kbira tal-oqfsa legali jippermettu ċ-ċaħda tal-libertà qabel il-kundanna, meta jkun meħtieġ, proporzjonata, u meta d-detenzjoni ma tkunx tista' tiġi sostitwita b'miżura inqas intrużiva. F'xi Stati Membri, dan ir-rekwiżit huwa spjegat b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni; f'oħrajn, dan jiġi implimentat permezz tal-ġurisprudenza u l-prattika ġudizzjarja konsistenti. Anke meta l-prinċipju ma jkunx ikkodifikat espressament, il-qrati japplikaw valutazzjonijiet tal-proporzjonalità li jillimitaw b'mod effettiv id-detenzjoni għal każijiet eċċezzjonali. L-ebda Stat Membru ma jagħti mandat għal arrest preventiv awtomatiku għal kwalunkwe kategorija ta' reati jew allegat reat. F'għadd żgħir ta' sistemi, ir-reati serji jistgħu jiġġeneraw preżunzjonijiet

konfutabbli favur id-detenzjoni, iżda l-imħallfin xorta jeħtiġilhom japplikaw valutazzjoni individwalizzata bbażata fuq in-neċessità u l-proporzjonalità.

Fl-Istati Membri kollha, l-awtoritajiet ġudizzjarji huma responsabbli għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' detenzjoni u jeħtiġilhom jipprovdu deċiżjoni motivata li tispeċifika għaliex miżuri alternattivi ma jistgħux jilħqu l-għanijiet maħsuba.

L-Istati Membri kollha jipprovdu alternattivi għall-arrest preventiv, għalkemm l-istruttura u d-disponibbiltà tagħhom ivarjaw. Il-miżuri komuni jinkludu obbligi ta' rapportar lill-awtoritajiet, restrizzjonijiet fuq il-kuntatt jew il-moviment, rekwiżiti ta' residenza, projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, ċediment ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, garanziji finanzjarji, u diversi forom ta' monitoraġġ elettroniku jew ħelsien taħt superviżjoni. Xi sistemi jipprovdu lista miftuħa ta' alternattivi li jippermettu lill-qrati jfasslu l-kundizzjonijiet għaċ-ċirkostanzi personali tal-akkużat. Sistemi oħra għandhom listi aktar restrittivi iżda xorta japplikaw alternattivi fuq bażi ta' każ b'każ, b'mod partikolari fejn ir-riskju jista' jiġi mmitigat b'mod suffiċjenti mingħajr detenzjoni.

Il-monitoraġġ elettroniku huwa disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm l-użu tiegħu għadu mhux uniformi minħabba limitazzjonijiet tekniċi, restrizzjonijiet fuq il-persunal jew rekwiżiti bħal akkomodazzjoni stabbli. Xi wħud jużaw monitoraġġ elettroniku b'mod wiesa', filwaqt li oħrajn jirriżervawh għal kuntesti ta' wara l-kundanna jew rarament japplikawh. Il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għadu jintuża fl-Istati Membri kollha iżda jieħu forom differenti. F'xi Stati Membri, il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jservi prinċipalment bħala garanzija biex tiġi żgurata d-dehra tal-persuna akkużata quddiem il-qorti jew il-konformità tagħha mar-regoli li jirregolaw il-liberazzjoni taħt kundizzjoni, filwaqt li f'oħrajn jopera bħala karatteristika ċentrali tal-proċedura ta' ħelsien u huwa msejjes fuq protezzjonijiet kostituzzjonali. Il-varjazzjonijiet jinkludu jekk il-qrati jeħtiġilhomx joffru l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija *ex officio*, kif il-qrati jiddeterminaw jekk l-ammont huwiex proporzjonat għall-mezzi finanzjarji tas-suspettat, u jekk is-suspettat jistax iħallas f'pagamenti parzjali. Ħafna Stati Membri rarament jibbażaw fuq il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, minflok jiffavorixxu l-obbligi ta' rapportar jew ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment.

Il-mekkaniżmi ta' superviżjoni għall-alternattivi jvarjaw ukoll. Is-servizzi ta' probation għandhom rwol ċentrali f'ħafna Stati Membri, billi jipprovdu monitoraġġ, kontrolli ta' konformità u rapporti ta' qabel is-sentenza li jgħinu lill-qrati jiddeterminaw il-kundizzjonijiet xierqa. Sistemi oħra ma jibbażawx fuq tali rapporti, ħlief f'każijiet kumplessi jew meta jitqies il-monitoraġġ elettroniku. L-ostakli komuni għall-applikazzjoni ta' alternattivi fl-istadju ta' qabel il-proċess jinkludu akkomodazzjoni instabbli, rabtiet soċjali jew familjari limitati, riżorsi insuffiċjenti għas-superviżjoni u dewmien amministrattiv ikkawżati minn nuqqas ta' persunal.

L-ESO (id-Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI), li hija maħsuba biex tiffaċilita r-rikonoxximent transfruntier tal-alternattivi ta' qabel il-proċess, rarament tintuża. Għalkemm kważi l-Istati Membri kollha ttrasponew l-istrument, l-applikazzjoni prattika tiegħu tibqa' limitata minħabba l-kumplessità amministrattiva, sensibilizzazzjoni baxxa fost il-prattikanti u t-tħassib dwar l-eżegwibbiltà.

Il-persuni vulnerabbli ġeneralment ma humiex soġġetti għal reġimi legali separati, iżda l-qrati huma meħtieġa jqisu ċirkostanzi individwali bħad-diżabilità, l-età, it-tqala, il-mard jew il-marġinalizzazzjoni soċjali meta jiddeċiedu dwar id-detenzjoni jew l-alternattivi. Xi Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet leġiżlattivi espliċiti li jippromwovu miżuri mhux ta' kustodja f'każijiet li jinvolvu persuni vulnerabbli.

**Xejriet ġenerali**

B'mod ġenerali, jidhru tliet xejriet wiesa' madwar l-Istati Membri:

- sistemi li jikkombinaw salvagwardji legali b'saħħithom ma' użu regolari ta' alternattivi għall-arrest preventiv u strutturi ta' superviżjoni żviluppati sew;
- sistemi b'oqfsa legali dettaljati iżda implimentazzjoni inkonsistenti minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew ta' riżorsi;
- sistemi li fihom jeżistu alternattivi għall-arrest preventiv iżda jiġu applikati b'mod mhux frekwenti, u fejn id-diskrezzjoni ġudizzjarja li tirriżulta spiss twassal għall-użu żejjed tal-arrest preventiv

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jistabbilixxu jew fil-leġiżlazzjoni jew fil-ġurisprudenza l-prinċipju tad-detenzjoni bħala l-aħħar alternattiva u jipprevedu alternattivi bħal dmirijiet ta' rapportar, pleġġ, monitoraġġ elettroniku jew restrizzjonijiet fuq il-moviment. Madankollu, id-dipendenza prattika fuq tali miżuri fl-istadju ta' qabel il-proċess tvarja ħafna, imxekkla f'xi każijiet minn limitazzjonijiet tekniċi u nuqqas ta' fiduċja jew riżorsi. L-użu tal-ESO jibqa' limitat ukoll. Xi Stati Membri għadhom japplikaw arrest preventiv obbligatorju għal ċerti reati, għalkemm dan huwa rari.

## 2. Suspett raġonevoli u raġunijiet għall-arrest preventiv

*(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jimponu l-arrest preventiv biss abbażi ta' suspett raġonevoli, stabbilit permezz ta' valutazzjoni bir-reqqa każ b'każ, li l-persuna suspettata tkun wettqet ir-reat inkwistjoni, u jenħtieġ li jillimitaw ir-raġunijiet ġuridiċi għall-arrest preventiv għal: (a) riskju ta' ħarba; (b) riskju li jerġa jitwettaq reat; (c) riskju li l-persuna suspettata jew akkużata tinterferixxi fil-kors tal-ġustizzja; jew (d) riskju ta' theddida għall-ordni pubbliku.*

*(20) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-determinazzjoni ta' kwalunkwe riskju tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi individwali tal-każ, iżda li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil: (a) in-natura u s-serjetà tal-allegat reat; (b) il-piena li x'aktarx tiġi imposta f'każ ta' kundanna; (c) l-età, is-saħħa, il-karattru, il-kundanni preċedenti u ċ-ċirkostanzi personali u soċjali tal-persuna suspettata, u b'mod partikolari r-rabtiet komunitarji tagħhom; u (d) l-imġiba tal-persuna suspettata, speċjalment kif tkun issodisfat kwalunkwe obbligu li seta' ġie impost fuqha matul proċedimenti kriminali preċedenti. Il-fatt li l-persuna suspettata ma hijiex ċittadin ta', jew ma għandha l-ebda rabta oħra mal-Istat fejn ikun preżunt li twettaq ir-reat ma huwiex fih innifsu suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li hemm riskju ta' ħarba.*

*(21) L-Istati Membri huma mħeġġa jimponu l-arrest preventiv biss għal reati li jġorru piena li ċċaħħad il-libertà minima ta' sena.*

L-arrest preventiv jirrikjedi li jiġu ssodisfati żewġ aspetti kumulattivi fl-Istati Membri kollha, jiġifieri livell ta' suspett stabbilit biżżejjed fir-rigward tal-kummissjoni ta' reat, u raġunijiet statutorji speċifiċi li juru li d-detenzjoni hija meħtieġa. Għalkemm it-terminoloġija tvarja bejn l-Istati Membri - li tvarja minn "suspett raġonevoli" għal "indikazzjonijiet serji" jew "kawża probabbli" - l-istandard evidenzjarju sottostanti huwa simili. Għalhekk, is-suspett irid ikun ibbażat fuq evidenza oġġettiva li taqbeż is-sempliċi spekulazzjoni iżda li ma tilħaqx il-livell ta' prova meħtieġ għall-kundanna.

Il-limitu evidenzjarju li l-qrati jeħtiġilhom japplikaw huwa bejn suspett sempliċi tal-pulizija u l-istandard applikabbli fil-proċess. L-awtoritajiet ġudizzjarji jeħtiġilhom ikunu ssodisfati li hemm indikazzjonijiet konkreti u verifikabbli li jorbtu lill-akkużat mal-imġiba kriminali allegata. Xi Stati Membri jadottaw żbarra evidenzjarja komparattivament għolja, li tirrikjedi elementi fattwali ċari; oħrajn jibbażaw fuq kundanna ġudizzjarja interna konsistenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'ċerti sistemi, id-detenzjoni ma tistax tiġi ordnata sakemm jitressqu akkużi formali, filwaqt li oħrajn jippermettu arrest preventiv għal perjodi qosra fejn il-formalizzazzjoni tas-suspett tkun imminenti.

Il-limiti minimi ta' penali jvarjaw ukoll. Xi Stati Membri jirrestrinġu l-arrest preventiv għal reati punibbli b'penali ogħla minn livell definit, filwaqt li oħrajn ma jimponux minimu statutorju iżda xorta japplikaw il-prinċipji ta' proporzjonalità fil-prattika.

Ir-raġunijiet rikonoxxuti għad-detenzjoni huma armonizzati ħafna. Is-sistemi kollha jippermettu d-detenzjoni abbażi tar-riskju ta' ħarba, ir-riskju ta' interferenza fl-investigazzjoni u r-riskju ta' ksur mill-ġdid. Xi wħud jinkludu wkoll theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sikurezza pubblika. Il-qrati jivvalutaw ir-riskju permezz ta' evalwazzjoni olistika taċ-ċirkostanzi personali tal-akkużat, inklużi r-residenza, l-impjiegi, ir-rabtiet soċjali, in-nazzjonalità, imġiba preċedenti u s-serjetà tar-reat. In-nuqqas ta' residenza fissa jitqies b'mod wiesa' bħala fattur aggravanti, għalkemm l-Istati Membri jvarjaw fil-mod kif tiġi vvalutata r-residenza transfruntiera tal-UE, b'xi wħud jaċċettaw ir-rabtiet madwar l-UE bħala riskju ta' mitigazzjoni skont il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka.

Il-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu individwalment f'kull każ. L-imħallfin jeżaminaw il-gravità tar-reat, is-sentenza potenzjali, ir-rabtiet komunitarji tal-persuna suspettata, ir-rekord kriminali u l-imġiba tagħha matul l-investigazzjoni. Sa issa, l-ebda wieħed mill-Istati Membri ma juża għodod awtomatizzati jew algoritmiċi fl-evalwazzjoni tar-riskju; id-deċiżjonijiet jibqgħu kompletament ġudizzjarji u diskrezzjonali.

Is-saħħa, l-età u d-diżabilità ġeneralment jinfluwenzaw il-valutazzjonijiet ta' jekk l-arrest preventiv huwiex meħtieġ. Xi ġuriżdizzjonijiet jawtorizzaw il-ħelsien jew id-detenzjoni fid-dar għal raġunijiet mediċi jew umanitarji, filwaqt li oħrajn joffru alternattivi terapewtiċi diġà fl-istadju ta' qabel il-proċess għal persuni b'dipendenza fuq sustanzi jew bi ħtiġijiet ta' saħħa mentali. Madankollu, fi Stati Membri oħra dan ma huwiex possibbli fid-dawl tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-kunsiderazzjonijiet ta' vulnerabbiltà jistgħu jiġġustifikaw miżuri inqas intrużivi jew jipprojbixxu d-detenzjoni b'mod definittiv f'ċerti każijiet.

## Xejriet ġenerali

Fl-Istati Membri kollha, il-qrati jibbażaw fuq taħlita ta' limiti evidenzjarji u ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw jekk l-arrest preventiv huwiex iġġustifikat. Madankollu, il-limitu għall-impożizzjoni ta' arrest preventiv, pereżempju, "suspett raġonevoli"

jew "indikazzjonijiet serji ta' ħtija", huwa definit b'mod differenti fl-Istati Membri. Id-diskrezzjoni ġudizzjarja hija ċentrali fost l-Istati Membri, u l-ebda sistema ma tibbaża fuq għodod awtomatizzati. F'ħafna Stati Membri jitqiesu kunsiderazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

### 3. Ir-raġunament tad-deċiżjonijiet ta' arrest preventiv

*(22) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kull deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja li timponi l-arrest preventiv, li testendi tali arrest preventiv, jew li timponi miżuri alternattivi tkun debitament motivata u ġġustifikata u tirreferi għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-persuna suspettata jew akkużata li jiġġustifikaw id-detenzjoni tagħha. Il-persuna affettwata jenħtieġ li tiġi pprovduta b'kopja tad-deċiżjoni, li jenħtieġ li tinkludi wkoll raġunijiet għaliex alternattivi għall-arrest preventiv ma jitqisux xierqa.*

Ir-raġunament ġudizzjarju huwa salvagwardja ewlenija li tiżgura t-trasparenza, l-ekwità u l-legalità meta timponi u tkompli l-arrest preventiv. L-Istati Membri kollha jirrikjedu li l-qrati joħorġu deċiżjonijiet motivati li jagħtu dettalji dwar ir-raġunijiet fattwali u legali għad-detenzjoni, filwaqt li jispjegaw għaliex l-alternattivi ma humiex xierqa u juru li l-kustodja kontinwa tibqa' meħtieġa u proporzjonata.

Ordni ta' detenzjoni trid tidentifika lill-akkużat, tispeċifika r-reati allegati, tikkwota d-dispożizzjonijiet rilevanti, tiddeskrivi r-raġunijiet għad-detenzjoni, u tistabbilixxi l-bażi fattwali li tappoġġa kemm is-suspett kif ukoll in-neċessità.

Ħafna Stati Membri jistabbilixxu skadenzi stretti għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet bil-miktub, li jvarjaw minn dispożizzjoni immedjata sa konsenja fi żmien 24 jew 48 siegħa. Ir-raġunament bil-miktub huwa indispensabbli għall-appell, u n-nuqqas li jiġi pprovdut tipikament jagħmel l-ordni invalida.

Il-qrati huma mistennija jipprovdu raġunament individwalizzat aktar milli formulazzjoni formulajka jew standardizzata, għalkemm tali formulazzjoni għadha tintuża f'xi Stati Membri. L-awtoritajiet ġudizzjarji jridu jeżaminaw iċ-ċirkostanzi personali u juru għaliex id-detenzjoni hija indispensabbli fil-każ speċifiku. Il-valutazzjonijiet tal-proporzjonalità, li jirrikjedu l-ibbilanċjar espliċitu tal-interess pubbliku mal-libertà personali, huma formalizzati f'diversi Stati Membri. Sistemi oħra jistrieħu fuq il-ġurisprudenza biex jimponu obbligi simili.

L-Istati Membri kollha jirrikjedu li l-qrati jiġġustifikaw ir-rifjut ta' alternattivi għall-arrest preventiv qabel ma jordnaw id-detenzjoni. Raġunijiet komuni jinkludu s-serjetà tar-reat, nuqqas ta' konformità minn qabel mal-kundizzjonijiet, in-nuqqas ta' residenza stabbli, jew riskju għoli ta' reċidività. Fl-Istati Membri b'inqas rekwiżiti formali, il-qrati xorta jistgħu jindirizzaw alternattivi b'mod impliċitu.

Id-deċiżjonijiet iridu jiġu kkomunikati minnufih lill-akkużat, bi traduzzjoni pprovduta fejn meħtieġ. Xi Stati Membri jipprovdu deċiżjonijiet bil-fomm segwiti minn kopji bil-miktub; oħrajn jinnotifikaw id-dokumentazzjoni bil-miktub immedjatament.

#### Xejriet ġenerali

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikjedu li l-imħallfin jipprovdu deċiżjonijiet individwalizzati u motivati meta jordnaw l-arrest preventiv, tali raġunament jista' jieħu forom differenti, b'xi Stati Membri jibbażaw fuq formulazzjoni jew fuq mudelli standard. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jimponu wkoll limiti ta' żmien stretti għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet bil-miktub. L-obbligu li jitqiesu u li jiġu miċħuda alternattivi jeżisti fil-prattika fl-Istati Membri kollha, anke meta jkun inqas formalizzat.

## 4. Rieżami perjodiku tal-arrest preventiv

*(23) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-validità kontinwa tar-raġunijiet li għalihom persuna suspettata jew akkużata tinżamm taħt arrest preventiv tiġi rieżaminata perjodikament minn awtorità ġudizzjarja. Hekk kif ir-raġunijiet għad-detenzjoni tal-persuna ma jibqgħux jeżistu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata tiġi rilaxxata mingħajr dewmien żejjed.*

*(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu li r-rieżami perjodiku tad-deċiżjonijiet ta' arrest preventiv tinbeda fuq talba mill-imputat jew, ex officio, minn awtorità ġudizzjarja.*

*(25) L-Istati Membri, fil-prinċipju, jenħtieġ li jillimitaw l-intervall bejn ir-rieżamijiet għal massimu ta' xahar, ħlief f'każijiet fejn il-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tippreżenta, f'kull mument, rikors għall-ħelsien u li tirċievi deċiżjoni dwar dan ir-rikors mingħajr dewmien żejjed.*

Ir-rieżami ġudizzjarju regolari tal-arrest preventiv huwa salvagwardja fundamentali madwar l-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċaħda tal-libertà tibqa' ġġustifikata matul il-proċedimenti. L-Istati Membri kollha jipprovdu mekkaniżmi għall-valutazzjoni mill-ġdid tad-detenzjoni, għalkemm l-istruttura, il-frekwenza u d-dettall proċedurali jvarjaw b'mod konsiderevoli. Ir-rieżamijiet jistgħu jseħħu f'intervalli statutorji fissi, fi stadji proċedurali ewlenin, jew fuq talba mid-difiża jew mill-prosekuzzjoni.

Fl-Istati Membri b'rieżamijiet ta' intervall fiss, il-qrati jivvalutaw mill-ġdid id-detenzjoni kull ftit ġimgħat jew xhur. Dawn ir-rieżamijiet frekwenti u skedati jiżguraw li l-imħallfin jevalwaw jekk ir-raġunijiet għad-detenzjoni għadhomx japplikaw, jekk is-suspett għadux sostanzjat biżżejjed u jekk l-alternattivi jistgħux jissostitwixxu l-arrest preventiv. Sistemi oħra jorbtu r-rieżami mal-istadji proċedurali, bħat-tlestija tal-passi investigattivi jew it-trasferiment tal-każ lill-qrati tal-prim'istanza. It-tielet grupp jibbaża primarjament fuq rieżamijiet mibdija mid-difiża, għalkemm il-qrati għad għandhom l-awtorità li jirrieżaminaw id-detenzjoni fuq inizjattiva *ex officio*.

L-akkużat u l-avukat difensur tipikament jitħallew jipparteċipaw fi proċeduri ta' rieżami. Ħafna Stati Membri jirrikjedu seduti orali, bl-akkużat imressaq quddiem imħallef, filwaqt li oħrajn jippermettu proċeduri bil-miktub għar-rieżamijiet ta' rutina. Is-seduti orali spiss jinkludu l-parteċipazzjoni tal-prosekuzzjoni u jippermettu sottomissjonijiet ta' difiża, il-preżentazzjoni ta' evidenza u talbiet għal ħelsien. L-interpretazzjoni u t-traduzzjoni ġeneralment jiġu pprovduti meta jkun meħtieġ.

F'ħafna Stati Membri, l-imħallfin li jivvalutaw mill-ġdid id-detenzjoni jeħtiġilhom jeżaminaw mill-ġdid il-bażi evidenzjarja ta' suspett, ir-rilevanza u s-saħħa tal-fatturi ta' riskju, u l-proporzjonalità ta' arrest preventiv kontinwu fid-dawl taż-żmien li jkun għadda. Il-qrati ġeneralment jeħtiġilhom iqisu wkoll jekk l-iżviluppi fil-każ - bħal riskju mnaqqas ta' ħarba, it-tlestija ta' passi investigattivi, jew ċirkostanzi personali mtejba - jiġġustifikawx is-sostituzzjoni tal-arrest preventiv b'miżuri alternattivi inqas intrużivi. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-bidliet fiċ-ċirkostanzi jiġu analizzati b'mod espliċitu f'kull rieżami.

Il-komunikazzjoni f'waqtha tad-deċiżjonijiet ta' rieżami hija prattika standard madwar l-Istati Membri. In-notifiki ġeneralment jingħataw bil-miktub lill-akkużat, lill-avukat difensur u lill-awtoritajiet rilevanti. F'xi Stati Membri, is-sistemi ta' komunikazzjoni awtomatizzati jew ċentralizzati jiffaċilitaw it-trażmissjoni rapida tad-deċiżjonijiet u tad-dati tas-smigħ.

Hekk kif it-tul tad-detenzjoni jiżdied, l-iskrutinju ġudizzjarju jsir aktar intensiv f'ħafna sistemi. Il-qrati superjuri jistgħu jkunu meħtieġa jirrieżaminaw id-detenzjoni fit-tul, jew jistgħu japplikaw proċeduri ta' sorveljanza speċjali meta jkunu għaddew ċerti perjodi ta' żmien.

**Xejriet ġenerali**

Ir-rieżami ġudizzjarju regolari tal-arrest preventiv huwa meħtieġ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, spiss f'intervalli fissi. Madankollu, it-twaqqit, il-frekwenza u l-akkuratezza ta' dawn ir-rieżamijiet ivarjaw b'mod konsiderevoli. F'ħafna Stati Membri, ir-rieżamijiet jitwettqu permezz ta' proċedura bil-miktub.

## 5. Smigħ tal-persuna suspettata jew akkużata

*(26) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata tinstema' personalment jew permezz ta' rappreżentant legali permezz ta' seduta orali kontenzjuża quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tieħu deċiżjoni dwar l-arrest preventiv. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-arrest preventiv jittieħdu mingħajr dewmien żejjed.*

*(27) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw id-dritt tal-persuna suspettata jew akkużata għal proċess fi żmien raġonevoli. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-każijiet li fihom ikun ġie impost l-arrest preventiv jiġu ttrattati bħala kwistjoni ta' urġenza u bid-diliġenza dovuta.*

Id-dritt li wieħed jinstema' qabel ma tiġi garantita kwalunkwe deċiżjoni li timponi jew li testendi l-arrest preventiv madwar l-Istati Membri kollha. L-Istati Membri kollha jirrikjedu li l-persuni mċaħħda mil-libertà jitressqu minnufih quddiem awtorità ġudizzjarja u jingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom personalment jew permezz ta' avukat difensur.

Il-limiti ta' żmien statutorji biex id-detenuti jitressqu quddiem qorti huma ġeneralment stretti, li tipikament ivarjaw bejn 24 u 48 siegħa. Għadd żgħir ta' Stati Membri jippermettu perjodi sa

72 jew 96 siegħa f'każijiet eċċezzjonali, iżda tali estensjonijiet jibqgħu limitati. Is-seduti jridu jsiru fil-pront, u jekk jinqabżu l-iskadenzi statutorji spiss jirriżultaw f'ħelsien awtomatiku.

Madwar l-Istati Membri, is-seduti ta' smigħ ta' detenzjoni huma orali u kontradittorji. Dawn jitwettqu bil-parteċipazzjoni tal-avukat difensur u, fejn xieraq, tal-prosekuzzjoni. Ir-rappreżentanza tad-difiża hija fil-biċċa l-kbira obbligatorja, u l-proċedimenti ma jistgħux ikomplu legalment mingħajr avukat preżenti. Il-komunikazzjoni kunfidenzjali bejn l-akkużat u l-avukat difensur tiegħu hija protetta bħala komponent ewlieni tal-proċess ġust.

L-akkużat għandu jidher personalment fl-ewwel seduta ta' detenzjoni. Is-seduti ta' smigħ sussegwenti jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza, għalkemm il-liġijiet tal-Istati Membri jvarjaw dwar jekk dan jirrikjedix il-kunsens tal-akkużat. Xi wħud jipprojbixxu l-parteċipazzjoni mill-bogħod għal seduti inizjali biex jiżguraw li l-imħallfin ikunu jistgħu jivvalutaw il-persuna direttament qabel ma jordnaw l-arrest preventiv.

L-aċċess għall-materjali tal-każijiet huwa essenzjali għal parteċipazzjoni effettiva. Ħafna sistemi jagħtu aċċess immedjat għall-evidenza rilevanti ladarba jiġi mfittex l-arrest preventiv, filwaqt li oħrajn jimponu skedi ta' żmien stretti għad-divulgazzjoni qabel is-seduta.

Is-seduti jiġu ddokumentati formalment. Il-minuti bil-miktub huma meħtieġa fl-Istati Membri kollha u r-reġistrazzjoni awdjoviżiva qed issir dejjem aktar komuni. Id-durata tas-seduti tvarja, b'xi Stati Membri li jkollhom seduti qosra u enfasizzati li jdumu biss madwar 15-il minuta, filwaqt li s-seduti f'każijiet kumplessi jew proċedimenti b'diversi persuni jistgħu jdumu ferm itwal u jestendu sa diversi sigħat. Id-deċiżjonijiet jingħataw fil-biċċa l-kbira immedjatament jew ftit wara s-seduta.

Xi Stati Membri joperaw proċeduri ta' smigħ strutturati ħafna u formalizzati, b'rekwiżiti legali dettaljati dwar it-twaqqit, id-dokumentazzjoni u d-drittijiet evidenzjarji. Oħrajn jadottaw approċċi aktar flessibbli. Il-prattiki tal-vidjokonferenzi jvarjaw ħafna, u jirriflettu d-differenzi fl-infrastruttura teknoloġika, fil-kultura legali u fil-fehmiet dwar il-ħtieġa tal-preżenza fiżika tal-akkużat.

**Xejriet ġenerali**

Filwaqt li l-analiżi komparattiva turi li l-Istati Membri ġeneralment jiżguraw id-dritt tas-suspettati li jinstemgħu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-arrest preventiv, hemm differenzi fl-aċċess għall-fajls tal-kawżi u d-drittijiet ta' komunikazzjoni mal-avukat difensur. Il-prattiki tal-vidjokonferenzi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri.

**6. Rimedji effettivi u d-dritt ta' appell**

*(28) L-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li l-persuni suspettati li jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom ikollhom aċċess għal proċedimenti quddiem qorti, li tkun kompetenti sabiex tirrieżamina l-legalità tad-detenzjoni tagħhom u, fejn xieraq, sabiex tordna l-ħelsien tagħhom.*

*(29) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu lill-persuni suspettati jew akkużati taħt arrest preventiv id-dritt ta' appell kontra tali deċiżjoni u jinfurmawhom b'dan id-dritt meta tittieħed id-deċiżjoni.*

Il-kapaċità li l-arrest preventiv jiġi kkontestat hija salvagwardja fundamentali inkorporata fis-sistemi nazzjonali kollha. L-Istati Membri jipprovdu diversi rotot għall-kontestazzjoni tal-ordnijiet ta' detenzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-individwi jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja.

Tliet rimedji ewlenin huma disponibbli b'mod komuni. L-ewwel wieħed huwa appell ordinarju kontra d-deċiżjoni li timponi jew li żżomm l-arrest preventiv. Tali appelli tipikament jiġu rieżaminati minn qrati ogħla u jiġu deċiżi f'limiti ta' żmien fissi biex tiġi evitata l-estensjoni bla bżonn tal-arrest preventiv. It-tieni rimedju jikkonsisti f'talbiet għall-ħelsien jew is-sostituzzjoni ta' arrest preventiv b'miżuri inqas restrittivi. Dawn normalment jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti. It-tielet rimedju jinvolvi l-*habeas corpus* – proċedura għar-rieżami tal-legalità tad-detenzjoni – li tippermetti lid-detenuti jikkontestaw il-legalità tad-detenzjoni tagħhom.

L-individwi jeħtiġilhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom li jikkontestaw id-detenzjoni fil-mument li tinħareġ id-deċiżjoni. Id-deċiżjonijiet bil-miktub spiss jinkludu informazzjoni espliċita dwar id-drittijiet ta' appell. Is-servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni jiżguraw li l-persuni akkużati jifhmu r-rimedji disponibbli irrispettivament mill-ostakli lingwistiċi.

L-appelli tipikament ma jissospendux l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' arrest preventiv, iżda l-qrati jeħtiġilhom jiddeċiduhom malajr. Il-limiti ta' żmien ivarjaw fost l-Istati Membri, minn deċiżjonijiet fi żmien 24 siegħa għal perjodi ta' diversi jiem jew ġimgħat, jew nuqqas totali ta' limiti ta' żmien. Madankollu, fl-Istati Membri fejn ma teżisti l-ebda skadenza statutorja, il-qrati jagħtu prijorità lill-appelli ta' qabel id-detenzjoni biex jipprevjenu l-kontinwazzjoni mhux ġustifikata tal-kustodja.

Il-Qrati tal-Eżami mill-ġdid jevalwaw kemm il-legalità kif ukoll il-proporzjonalità. Huma jivvalutaw jekk ir-raġunijiet ta' suspett u ta' riskju għadhomx validi u jekk alternattivi għall-arrest preventiv jistgħux jimmitigaw ir-riskji b'mod suffiċjenti. Jekk il-bażi għall-arrest preventiv tiskadi, il-qrati jridu jordnaw il-ħelsien tal-persuna detenuta. Xi Stati Membri ħaffew il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju (bħar-référé-liberté), li huma mfassla speċifikament biex jindirizzaw każijiet urġenti.

Filwaqt li ftit Stati Membri jipprovdu mekkaniżmi speċjalizzati għad-detenuti vulnerabbli, l-istħarriġ ġudizzjarju ġenerali u l-proċeduri ta' appell japplikaw ukoll f'każijiet bħal dawn. L-għajnuna legali hija disponibbli b'mod wiesa', u r-rappreżentanza spiss hija obbligatorja, u tiggarantixxi aċċess effettiv għar-rimedji.

**Xejriet ġenerali**

L-Istati Membri kollha jirrikonoxxu d-dritt li jappellaw id-deċiżjonijiet ta' arrest preventiv, għalkemm l-iskadenzi u l-prattiki ta' notifika jvarjaw. Xi wħud jimponu skadenzi qosra sa 24 siegħa, u dan iqajjem tħassib dwar l-aċċess effettiv għar-rimedji.

## 7. Tul tal-arrest preventiv

*(30) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tul tal-arrest preventiv ma jaqbiżx, u ma jkunx sproporzjonat għall-piena li tista' tiġi imposta għar-reat ikkonċernat.*

*(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tul tal-arrest preventiv impost ma jkunx f'kunflitt mad-dritt ta' persuna detenuta li tingħata proċess fi żmien raġonevoli.*

*(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw bħala każijiet ta' prijorità, il-każijiet li jinvolvu persuna taħt arrest preventiv.*

Is-sistemi tal-Istati Membri jirregolaw id-durata permissibbli tal-arrest preventiv permezz ta' limiti statutorji u valutazzjonijiet kontinwi tal-proporzjonalità. Filwaqt li l-approċċi jvarjaw, l-Istati Membri kollha jiżguraw li l-arrest preventiv ma jistax ikun indefinit u jrid jintemm meta ma jkunx aktar iġġustifikat meta r-raġunijiet għall-arrest preventiv ma jibqgħux japplikaw.

Xi Stati Membri jimponu limiti ta' żmien massimi stretti għall-arrest preventiv, li jvarjaw skont in-natura tar-reat jew l-istadju proċedurali. Dawn il-limiti jistgħu jvarjaw minn ftit xhur għal reati minuri għal diversi snin għal reati eċċezzjonalment serji. Meta jiskadu l-limiti ta' żmien, il-ħelsien huwa obbligatorju, għalkemm il-qrati jistgħu jimponu miżuri alternattivi mhux ta' kustodja biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi proċedurali.

Stati Membri oħra joperaw mudelli mħallta, li jikkombinaw limiti ta' żmien massimi mad-diskrezzjoni ġudizzjarja biex jestendu d-detenzjoni f'każijiet kumplessi. L-estensjonijiet ġeneralment jirrikjedu awtorizzazzjoni mill-qorti u jistgħu jkunu soġġetti għal skrutinju minn qorti superjuri.

It-tielet grupp ta' Stati Membri ma jibbażax fuq limiti ta' żmien massimi statutorji fissi iżda minflok jissottometti l-arrest preventiv għal rieżami kontinwu tal-proporzjonalità, li jirrikjedi li d-detenzjoni tibqa' meħtieġa u raġonevoli fid-dawl taċ-ċirkostanzi u ż-żmien li jkun għadda.

Il-mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' ksur tal-limiti ta' żmien jinkludu sistemi ta' traċċar elettroniku, sorveljanza tal-prosekuzzjoni u twissijiet awtomatizzati li jinnotifikaw lill-awtoritajiet meta joqorbu l-iskadenzi. Tali sistemi huma maħsuba biex jissalvagwardjaw kontra l-perjodi ta' detenzjoni li jaqbżu t-tul tagħhom.

Id-dewmien fil-proċedimenti, li jista' jtawwal id-detenzjoni, huwa attribwit b'mod komuni għall-kumplessità tal-każ, l-involviment ta' diversi konvenuti, investigazzjonijiet transfruntieri, id-dipendenza fuq evidenza esperta jew riżorsi ġudizzjarji limitati. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikonoxxu li l-ineffiċjenzi proċedurali, aktar milli l-użu eċċessiv intenzjonat tal-arrest preventiv, huma l-kawżi primarji ta' detenzjoni estiża.

Il-kumpens għal detenzjoni eċċessiva jew illegali huwa disponibbli f'ħafna sistemi, għalkemm l-eliġibbiltà tista' tiddependi mill-eżitu tal-każ jew minn kriterji leġiżlattivi speċifiċi u r-regoli ta' eliġibbiltà jvarjaw. F'xi Stati Membri, il-kumpens jirrikjedi l-ħelsien, filwaqt li f'oħrajn, il-kumpens huwa disponibbli anke meta l-proċedimenti jirriżultaw f'kundanna fejn il-kustodja ta' qabel il-proċess ma tkunx ġustifikata.

**Xejriet ġenerali**

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeżistu limiti ta' żmien massimi għall-arrest preventiv, iżda d-durata massima tvarja minn ftit jiem sa diversi snin. Anke fejn jeżistu limiti ta' żmien, id-dewmien proċedurali, il-kumplessità tal-każ u l-akkumulazzjoni ta' kawżi pendenti ġudizzjarji spiss iwasslu għal detenzjoni fit-tul.

## 8. Tnaqqis taż-żmien taħt arrest preventiv mis-sentenza finali

> *(33) L-Istati Membri jenħtieġ li jnaqqsu kwalunkwe perjodu ta' arrest preventiv qabel il-kundanna, inkluż fejn ikun infurzat permezz ta' miżuri alternattivi, mit-tul ta' kwalunkwe sentenza ta' priġunerija imposta sussegwentement*

L-Istati Membri kollha jirrikonoxxu l-prinċipju li l-ħin imqatta' f'arrest preventiv irid jitnaqqas minn kwalunkwe sentenza ta' kustodja imposta wara kundanna. Dan il-prinċipju jipprevjeni l-piena doppja u jiżgura li ċ-ċaħda totali tal-libertà tibqa' proporzjonata u legalment ġustifikata. Għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tat-tnaqqis, il-kunsiderazzjoni ta' miżuri alternattivi restrittivi għad-detenzjoni u l-mekkaniżmi għall-kalkolu jvarjaw, iż-żmien diġà mgħoddi fl-arrest preventiv ġeneralment jitnaqqas awtomatikament.

Fl-Istati Membri kollha, l-arrest preventiv formali jitnaqqas fuq bażi ta' kuljum. Il-qrati tas-sentenzi tipikament japplikaw it-tnaqqis direttament, għalkemm f'xi ġuriżdizzjonijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar huma responsabbli għall-kalkolu u għall-applikazzjoni tat-tnaqqis ladarba sentenza ssir finali. Is-sistemi awtomatizzati f'ċerti ġuriżdizzjonijiet isegwu l-perjodi ta' arrest preventiv b'mod elettroniku biex jissimplifikaw l-akkuratezza u jevitaw l-iżbalji. F'oħrajn, it-tnaqqis jibbaża fuq verifika ġudizzjarja jew fuq dokumentazzjoni amministrattiva.

Xi Stati Membri jestendu t-tnaqqis għal alternattivi restrittivi għall-arrest preventiv bħad-detenzjoni domiċiljari, il-monitoraġġ elettroniku jew is-superviżjoni intensiva, u jittrattawhom bħala simili biżżejjed għad-detenzjoni biex jiġġustifikaw it-tnaqqis. F'dawk is-sistemi, il-miżuri restrittivi jistgħu jitnaqqsu b'mod ekwivalenti jew proporzjonat skont il-grad ta' limitazzjoni impost. Ġuriżdizzjonijiet oħra jirrestrinġu strettament it-tnaqqis għall-kustodja formali fil-faċilitajiet ta' arrest preventiv, għalkemm jistgħu jqisu alternattivi restrittivi bħala fatturi ta' mitigazzjoni matul is-sentenza anke jekk ma jnaqqsux formalment is-sentenza.

Jeżistu formuli ta' konverżjoni fi ftit Stati Membri biex jittraduċu forom differenti ta' ċaħda jew restrizzjoni tal-libertà f'jiem ta' kustodja ekwivalenti. Dawn il-formuli jistgħu jikkonvertu l-perjodi ta' detenzjoni domiċiljari, servizz komunitarju, multi jew obbligi ta' rapportar f'ekwivalenti ta' kustodja għal skopijiet ta' tnaqqis. F'sistemi oħra, il-qrati japplikaw il-ġurisprudenza biex jiddeterminaw tnaqqis proporzjonali bbażat fuq in-natura tar-restrizzjonijiet.

It-tilwim dwar it-tnaqqis huwa rari minħabba li r-regoli huma stipulati b'mod ċar u applikati b'mod konsistenti. Is-sitwazzjonijiet li jinvolvu d-duplikazzjoni tal-arrest preventiv fi proċedimenti relatati jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jevitaw id-duplikazzjoni tal-kreditu. Meta jseħħ arrest preventiv illegali jew eċċessiv, il-mekkaniżmi ta' kumpens jipprovdu salvagwardji addizzjonali.

**Xejriet ġenerali**

It-tnaqqis tal-ħin imqatta' f'arrest preventiv mis-sentenza ta' kustodja finali huwa prattika standard madwar l-Istati Membri. Madankollu, ma hemm l-ebda approċċ konsistenti biex jittieħdu miżuri alternattivi (eż. detenzjoni domiċiljari jew monitoraġġ elettroniku) meta jiġu kkalkolati s-sentenzi. Ftit Stati Membri biss inaqqsu l-firxa sħiħa ta' alternattivi, filwaqt li oħrajn jeskluduhom kompletament.

## STANDARDS MINIMI GĦALL-KUNDIZZJONIJIET MATERJALI TA' DETENZJONI

### 1. Akkomodazzjoni

*(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jassenjaw lil kull detenut ammont minimu ta' erja tas-superfiċe ta' mill-inqas 6 m² f'ċelel għal okkupazzjoni ta' persuna waħda u 4 m² f'ċelel għal okkupazzjoni ta' aktar minn persuna waħda. L-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li l-ispazju personali minimu assolut disponibbli għal kull detenut, inkluż f'ċella għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda, jammonta għall-ekwivalenti ta' mill-inqas 3 m² erja tas-superfiċe għal kull detenut. Fejn l-ispazju personali disponibbli għal detenut ikun ta' anqas minn 3 m², tinħoloq preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB. Il-kalkolu tal-ispazju disponibbli għandu jinkludi ż-żona okkupata mill-għamara iżda mhux dik okkupata minn faċilitajiet sanitarji.*

*(35) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe tnaqqis eċċezzjonali tal-erja minima tas-superfiċe għal kull detenut ta' 3 m2 ikun qasir, okkażjonali, minuri u akkumpanjat minn libertà suffiċjenti ta' moviment barra ċ-ċella u attivitajiet xierqa barra miċ-ċella. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li, f'każijiet bħal dawn, il-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fil-faċilità jkunu xierqa u li ma jkun hemm l-ebda fattur aggravanti ieħor fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, bħal nuqqasijiet oħra fir-rekwiżiti strutturali minimi għaċ-ċelel jew għall-faċilitajiet sanitarji.*

*(36) L-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li d-detenuti jkollhom aċċess għal dawl naturali u arja friska fiċ-ċelel tagħhom.*

L-istandards ta' akkomodazzjoni fil-faċilitajiet ta' detenzjoni jirriflettu taħlita ta' obbligi legali, prattika amministrattiva u restrizzjonijiet materjali bħall-affollament eċċessiv. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jimponu standards minimi obbligatorji għall-ispazju tal-għajxien personali, il-faċilitajiet sanitarji, id-dawl, il-ventilazzjoni u l-arranġamenti tal-irqad, il-konformità tvarja ħafna minħabba sfidi strutturali u operazzjonali.

Għadd sinifikanti ta' Stati Membri jinkorporaw rekwiżiti spazjali minimi vinkolanti (f'm²) permezz ta' leġiżlazzjoni, regolamenti jew regoli amministrattivi primarji. Oħrajn jibbażaw fuq linji gwida ta' politika jew standards mhux vinkolanti. Anke fost il-ġuriżdizzjonijiet bi standards obbligatorji, l-ammont ta' spazju personali minimu jvarja b'mod sostanzjali. Xi sistemi jippreskrivu spazju għal kull detenut li jallinja mill-qrib mal-livelli rakkomandati, filwaqt li oħrajn jistabbilixxu limiti ferm taħt l-istandards stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni. Xi ftit ġuriżdizzjonijiet jippermettu minimi eċċezzjonalment baxxi ta' 2 m² ta' spazju personali f'ċirkostanzi definiti, bħal iffullar temporanju jew kollokamenti għal żmien qasir. Madwar l-Istati Membri, l-ispazju personali f'ċelloli ta' okkupazzjoni unika jvarja minn 2 m² sa 12 m², li juri d-diverġenza kbira ħafna fl-istandards bażiċi tal-għajxien tad-detenuti fl-UE.

Il-konformità ma' dawn l-istandards tvarja. Diversi Stati Membri jirrapportaw li d-detenuti kollha għandhom aċċess għal mill-inqas l-ispazju minimu meħtieġ u li l-ebda detenut ma għandu inqas minn 4 m² ta' spazju personali. Oħrajn jirrapportaw li proporzjon żgħir ta' detenuti għandhom inqas spazju personali mil-limiti rakkomandati. Madankollu, fi ftit Stati Membri b'affollament eċċessiv, perċentwali kbar (aktar minn 50 %) tad-detenuti għandhom inqas minn

4 m² ta' spazju personali. L-affollament eċċessiv f'sistemi bħal dawn jaffettwa wkoll diversi faċilitajiet ta' ħabs.

Minoranza biss tal-Istati Membri jużaw għodod moderni ta' ġestjoni tal-okkupazzjoni bbażati fuq l-IT biex jimmonitorjaw il-konformità u jiskattaw twissijiet meta jinqabżu l-limiti tal-kapaċità. Il-biċċa l-kbira jibbażaw fuq il-monitoraġġ manwali, ir-rapportar perjodiku jew l-ispezzjonijiet mill-korpi ta' sorveljanza.

L-arranġamenti tal-irqad ivarjaw. Ħafna sistemi jirrapportaw li d-detenuti ma jorqdux fuq is-saqqijiet tal-art jew f'sodod tripli. Meta jseħħu sitwazzjonijiet bħal dawn, dawn huma deskritti bħala rari, temporanji, jew limitati għal ċelel speċifiċi siguri. Għadd żgħir ta' ġuriżdizzjonijiet jirrapportaw l-użu mifrux ta' sodod tripli jew għadd sinifikanti ta' detenuti li jorqdu mal-art minħabba l-affollament eċċessiv.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw li d-detenuti għandhom aċċess għal dawl naturali u għal arja friska fiċ-ċelel tagħhom. Il-politiki dwar it-tipjip ivarjaw, b'ħafna Stati Membri jippermettu t-tipjip f'ċelel għal okkupazzjoni minn persuna waħda jew biss bil-kunsens tad-detenuti kollha f'ċelel għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda, filwaqt li Stati Membri oħra jipprojbixxu kompletament it-tipjip fuq ġewwa.

Ir-rimedji għal akkomodazzjoni inadegwata jvarjaw ħafna wkoll. Xi Stati Membri jipprovdu aktar ħin jew opportunitajiet barra miċ-ċella għat-trasferimenti, filwaqt li oħrajn jippermettu rieżami ġudizzjarju, proċeduri ta' lmenti jew tnaqqis fis-sentenzi. F'sistemi b'rekwiżiti ta' spazju legali baxx jew b'eċċezzjonijiet mifruxa, ir-rimedji spiss ikunu limitati.

**Xejriet ġenerali**

Madwar l-Istati Membri, l-istandards tal-akkomodazzjoni jvarjaw ħafna. Filwaqt li ħafna Stati Membri jipprovdu spazju u kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati, oħrajn jiffaċċjaw kwistjonijiet serji ta' affollament eċċessiv fil-ħabsijiet, li jaffettwaw il-konformità mal-limiti minimi u jwasslu biex xi detenuti jorqdu fuq is-saqqijiet għal perjodi twal ta' żmien. Is-sistemi ta' monitoraġġ qed jitjiebu iżda għadhom inkonsistenti.

## 2. Allokazzjoni

> *(37) L-Istati Membri huma mħeġġa, u fil-każ tat-tfal, jenħtieġ li jiżguraw, li jallokaw lid-detenuti, kemm jista' jkun, f'faċilitajiet ta' detenzjoni qrib id-djar tagħhom jew postijiet oħra xierqa għall-fini tar-riabilitazzjoni soċjali tagħhom.*
>
> *(38) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-detenuti taħt arrest preventiv jinżammu separati minn detenuti kkundannati. In-nisa jenħtieġ li jinżammu separati mill-irġiel. It-tfal jenħtieġ li ma jinżammux f'detenzjoni mal-adulti, sakemm ma jkunx meqjus li huwa fl-aħjar interess tat-tfal li jagħmlu dan.*
>
> *(39) Meta minuri detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, u fejn xieraq, għal adulti żgħażagħ taħt l-età ta' 21 sena, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibilità li dak id-detenut jibqa' detenut b'mod separat mill-adulti detenuti fejn meħtieġ, filwaqt li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi tal-persuna kkonċernata u sakemm dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tfal li jkunu detenuti ma' dik il-persuna.*

Il-politiki ta' allokazzjoni jirregolaw fejn id-detenuti jitqiegħdu ġeografikament u kif jiġu sseparati fil-faċilitajiet.

Fl-Istati Membri, id-deċiżjonijiet ta' allokazzjoni jqisu r-rabtiet familjari tad-detenuti u r-residenza preċedenti. Il-prossimità mal-familja hija rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala importanti għaż-żamma tar-relazzjonijiet u għall-appoġġ tar-riintegrazzjoni. Madankollu, l-allokazzjoni bbażata fuq il-post tal-familja spiss tkun ristretta mill-ħtieġa li d-detenuti jitqabblu ma' livelli xierqa ta' sigurtà, ma' programmi ta' trattament jew ma' spazji disponibbli. Faċilitajiet speċjalizzati għal ħtiġijiet mediċi jew psikoloġiċi jistgħu jirrikjedu kollokamenti 'l bogħod mir-reġjuni ta' oriġini.

Il-biċċa l-kbira tas-sistemi jisseparaw id-detenuti qabel il-proċess u dawk ikkundannati, għalkemm f'xi Stati Membri dawn il-gruppi jipparteċipaw f'attivitajiet kondiviżi matul il-ġurnata. Madankollu, il-preżunzjoni favur is-separazzjoni hija ġeneralment ikkonfermata biex tiġi protetta l-preżunzjoni tal-innoċenza.

Is-separazzjoni skont il-ġeneru hija kważi universali. In-nisa tipikament jinżammu f'faċilitajiet separati jew f'unitajiet distinti fi ħdan istituzzjonijiet imħallta. Xi sistemi jippermettu lin-nisa jipparteċipaw f'attivitajiet imħallta taħt superviżjoni, għalkemm l-akkomodazzjoni hija separata.

Is-separazzjoni tal-minorenni mill-adulti hija implimentata b'mod wiesa'. It-tfal taħt it-18-il sena normalment jitqiegħdu f'istituzzjonijiet tal-minorenni speċjalizzati jew fi swali ddedikati. Il-limiti tal-età jvarjaw fi ftit Stati Membri, b'xi wħud jestendu l-kollokamenti fi stil minorenni għal persuni li għandhom sa 21 sena jew saħansitra 24 sena skont ċerti kundizzjonijiet. Għadd żgħir ta' sistemi jippermettu l-kollokament każ b'każ ta' adulti żgħażagħ (18 sa 21 sena) ma' tfal jew, għall-kuntrarju, adolexxenti akbar ma' adulti meta jitqies xieraq.

Il-prattiki għall-appoġġ tal-adulti żgħażagħ ivarjaw b'mod usa'. Xi Stati Membri jipprovdu unitajiet speċjalizzati jew programmi orjentati lejn iż-żgħażagħ, filwaqt li oħrajn jintegraw lill-adulti żgħażagħ fil-popolazzjoni ġenerali tal-ħabs b'appoġġ edukattiv u rijabilitattiv addizzjonali.

## Xejriet ġenerali

Il-prattiki ta' allokazzjoni jirriflettu l-għanijiet kondiviżi – il-protezzjoni tad-detenuti vulnerabbli, il-preservazzjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza tad-detenuti qabel il-proċess u l-iffaċilitar tar-riabilitazzjoni – iżda l-implimentazzjoni tiddependi mit-tfassil u l-kapaċità tal-faċilità. L-akkomodazzjoni tan-nisa u tat-tfal separatament hija prijoritizzata b'mod konsistenti, filwaqt li s-sitwazzjoni għall-adulti żgħażagħ tvarja. Il-prossimità tal-familja titqies importanti iżda mhux determinanti, peress li r-rekwiżiti operazzjonali spiss jieħdu preċedenza.

### 3. Kundizzjonijiet ta' iġjene u sanitarji

*(40) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-faċilitajiet sanitarji jkunu aċċessibbli f'kull ħin u li joffru privatezza suffiċjenti lid-detenuti, inkluża separazzjoni strutturali effettiva mill-ispazji għall-għajxien f'ċelel għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda.*

*(41) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri effettivi sabiex jinżammu standards ta' iġjene tajbin permezz ta' diżinfezzjoni u fumigazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-prodotti sanitarji bażiċi, inklużi xugamani iġjeniċi, jiġu pprovduti lid-detenuti u li l-ilma sħun u ilma ġieri ikun disponibbli fiċ-ċelel.*

*(42) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lid-detenuti bi ħwejjeġ u friex nodfa u xierqa, u bil-mezzi sabiex dawn l-oġġetti jinżammu nodfa.*

Il-kundizzjonijiet ta' iġjene u sanitarji huma ċentrali għad-dinjità, għas-saħħa u għall-prevenzjoni tal-mard fil-faċilitajiet ta' detenzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw li d-detenuti għandhom aċċess f'kull ħin għal faċilitajiet sanitarji bażiċi (toilets u sinks), jew fiċ-ċelel jew f'żoni kondiviżi b'aċċess immedjat għall-persunal. Il-firxa u l-kwalità tad-dispożizzjoni sanitarja fiċ-ċelel ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu kemm toilet kif ukoll sink fi kważi ċ-ċelel kollha. Xi wħud jirrapportaw kopertura sħiħa fiċ-ċelel kollha, filwaqt li oħrajn jindikaw provvista parzjali, b'mod partikolari f'faċilitajiet eqdem jew f'ċelel għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda. Ċerti sistemi jipprovdu dawn il-faċilitajiet f'inqas minn 50 % taċ-ċelel kollha, u jirrikjedu li d-detenuti jibbażaw fuq żoni sanitarji kondiviżi.

Il-privatezza fl-użu tat-toilet tiddependi ħafna minn jekk it-toilets għandhomx ħitan diviżorji. Xi Stati Membri jirrapportaw ħitan diviżorji universali jew kważi universali, filwaqt li oħrajn jipprovdu dan f'inqas minn 50 % biss taċ-ċelel. Huwa partikolarment komuni f'ċelel għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda li jkollhom toilets mingħajr ħitan diviżorji, u dan iqajjem tħassib dwar id-dinjità u l-privatezza.

Xi Stati Membri rrapportaw infestazzjonijiet jew problemi sanitarji bħal moffa, insetti, firien jew baqqiet tas-sodda, għalkemm normalment f'għadd limitat ta' faċilitajiet. Ftit Stati Membri jirrapportaw kwistjonijiet aktar mifruxa li jaffettwaw proporzjon kbir ta' istituzzjonijiet. Il-miżuri preventivi jinkludu kontroll regolari tal-pesti, titjib fil-ventilazzjoni u s-sostituzzjoni jew it-trattament bis-sħana tas-saqqijiet.

L-ilma ġieri huwa ġeneralment disponibbli madwar l-Istati Membri kollha, għalkemm l-aċċess għall-ilma sħun huwa inkonsistenti. Xi Stati Membri jipprovdu ilma sħun fiċ-ċelel kollha; oħrajn jipprovduh f'aktar minn 50 % taċ-ċelel. Grupp iżgħar jirrapporta ilma sħun limitat jew l-ebda ilma sħun fiċ-ċelel, li jirrikjedi li d-detenuti jinħaslu f'faċilitajiet kondiviżi skont skedi regolati.

Il-frekwenza tad-doċċa tvarja bejn is-sistemi, u tvarja minn aċċess ta' kuljum għal darba jew darbtejn fil-ġimgħa, b'xi wħud jipprovdu aċċess aktar frekwenti għan-nisa.

Il-prodotti tal-iġjene bħas-sapun, ix-shampoo u l-oġġetti tal-iġjene femminili huma pprovduti b'mod wiesa'. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu tali prodotti mingħajr ħlas, għalkemm xi wħud jippermettu lid-detenuti jixtru provvisti addizzjonali.

Il-ħwejjeġ u l-friex normalment jiġu fornuti mingħajr ħlas, speċjalment mad-dħul. L-arranġamenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ ivarjaw, bil-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-friex darba jew darbtejn fil-ġimgħa bħala prattika standard. Xi sistemi jippermettu lid-detenuti jużaw faċilitajiet kondiviżi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-ħasil personali.

### Xejriet ġenerali

L-istandards tal-iġjene jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Filwaqt li ħafna Stati Membri jipprovdu sanità u privatezza adegwati fiċ-ċelel, oħrajn jibbażaw fuq faċilitajiet kondiviżi jew toilets mingħajr ħitan diviżorji, b'mod partikolari f'ċelel għal okkupazzjoni minn aktar minn persuna waħda. L-aċċess għall-ilma sħun u l-frekwenza tad-doċċa jvarjaw ħafna, u jirriflettu d-disparitajiet fl-infrastruttura. L-infestazzjonijiet jibqgħu kwistjoni f'xi Stati Membri.

## 4. Nutrizzjoni

*(43) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ikel jiġi pprovdut fi kwantità u kwalità suffiċjenti sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet nutrizzjonali tad-detenut u li l-ikel jitħejja u jiġi servut f'kundizzjonijiet iġjeniċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li l-ilma tax-xorb nadif ikun disponibbli għad-detenuti f'kull ħin.*

*(44) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lid-detenuti b'dieta nutrizzjonali li tkkunsidra l-età, id-diżabilità, is-saħħa, il-kundizzjoni fiżika, ir-reliġjon, il-kultura u n-natura tal-ħidma tagħhom.*

In-nutrizzjoni hija komponent ewlieni tas-saħħa u tal-benesseri tad-detenuti, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikonoxxu l-obbligu li jipprovdu ikliet li huma bbilanċjati u suffiċjenti fil-valur kaloriku. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom l-għan li jipprovdu tliet ikliet kuljum, b'meded ta' kaloriji tipikament bejn 2 200 u 3 000 kcal għal kull detenut. Xi wħud jallinjaw b'mod espliċitu l-istandards tagħhom mal-linji gwida nazzjonali dwar in-nutrizzjoni jew jinkorporaw is-sorveljanza medika biex jiżguraw l-adegwatezza.

L-infiq ta' kuljum fuq l-ikel ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Xi wħud jirrapportaw livelli ta' nfiq relattivament għoljin, li jippermettu dieti varjati u nutrizzjonalment varjati. Oħrajn joperaw b'baġits sostanzjalment aktar baxxi, f'xi każijiet inqas minn EUR 2 għal kull detenut kuljum. Dawn id-differenzi (li jvarjaw minn inqas minn EUR 2 għal aktar minn EUR 10 għal kull detenut kuljum) iqajmu tħassib dwar jekk il-kwalità u l-varjetà tal-ikel jistgħux jinżammu meta jkun hemm sistemi ta' nfiq baxx, minkejja li l-ġuriżdizzjonijiet kollha jisħqu li jżommu konformità mal-istandards minimi tad-dieta.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu adattamenti dijetetiċi għall-kundizzjonijiet mediċi, l-allerġiji, il-ħtiġijiet relatati mal-età, it-tqala, it-treddigħ u r-rekwiżiti reliġjużi. Id-dieti veġetarjani huma mifruxa, u d-dieti vegani qed isiru dejjem aktar disponibbli. Ċerti Stati Membri joffru wkoll ikliet supplimentari jew skedi aġġustati għad-detenuti involuti f'xogħol jew f'attivitajiet fiżikament eżiġenti.

Kollha jiddikjaraw li jiggarantixxu aċċess universali għall-ilma tax-xorb nadif f'kull ħin.

**Xejriet ġenerali**

Madwar l-Istati Membri, l-istandards għall-konsum tal-kaloriji u għall-varjetà djetetika huma ġeneralment konsistenti, iżda l-baġits tal-ikel ivarjaw ħafna, li jvarjaw minn inqas minn EUR 2 għal aktar minn EUR 10 għal kull detenut kuljum. Is-sistemi b'infiq ogħla jistgħu jipprovdu ikel frisk u divers b'mod aktar faċli, filwaqt li s-sistemi b'infiq baxx jirriskjaw li jibbażaw fuq għażliet inqas varjati jew ta' kwalità inferjuri minkejja l-konformità formali. L-akkomodazzjonijiet djetetiċi għall-ħtiġijiet reliġjużi u mediċi huma integrati b'mod wiesa' fl-Istati Membri kollha. L-aċċess għall-ilma tax-xorb nadif huwa garantit fl-Istati Membri kollha.

## 5. Ħin imqatta' barra miċ-ċella u barra

*(45) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lill-priġunieri jeżerċitaw għall-arja għal mill-inqas siegħa kuljum u jenħtieġ li jipprovdu faċilitajiet spazjużi u tagħmir xierqa għal dan il-għan.*

*(46) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lid-detenuti jqattgħu ammont raġonevoli ta' żmien barra miċ-ċelel tagħhom sabiex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' xogħol, edukazzjoni u rikreazzjoni kif meħtieġ għal livell xieraq ta' interazzjoni umana u soċjali. Sabiex jiġi evitat ksur tal-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe eċċezzjoni għal din ir-regola fil-kuntest ta' reġimi u miżuri speċjali ta' sigurtà, inkluża r-reklużjoni, tkun meħtieġa u proporzjonata.*

Il-ħin imqatta' barra miċ-ċella huwa fundamentali għall-benesseri fiżiku u mentali tad-detenuti. L-Istati Membri kollha jiggarantixxu lid-detenuti mill-inqas siegħa ta' attività fuq barra kuljum, ħlief f'kundizzjonijiet eċċezzjonali bħal temp estrem jew miżuri speċifiċi ta' sigurtà. Dan l-istandard huwa rrispettat b'mod wiesa' u jirrifletti fehim kondiviż tal-importanza tal-eżerċizzju u l-esponiment għall-arja friska.

Lil hinn mis-siegħa obbligatorja fuq barra, il-ħin medju ta' kuljum barra miċ-ċella jvarja b'mod sinifikanti. Filwaqt li ħafna Stati Membri jimmiraw għal minimu ta' 3 sigħat, iċ-ċifri reali spiss jiddependu mir-reġim ta' detenzjoni, il-kapaċità tal-persunal, il-klassifikazzjoni tas-sigurtà u d-disponibbiltà ta' attivitajiet strutturati. Xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk bi programmazzjoni estensiva għad-detenuti kkundannati, jippermettu sostanzjalment aktar ħin barra miċ-ċella. Id-detenuti qabel il-proċess, li ma humiex obbligati jaħdmu u jista' jkollhom inqas obbligi tal-programm, spiss iqattgħu aktar ħin magħluqin fiċ-ċelel tagħhom. Xi Stati Membri jiddikjara li l-ħin medju barra miċ-ċella huwa qasir, minn siegħa sa sagħtejn għal ċerti kategoriji ta' detenuti.

L-attivitajiet disponibbli għad-detenuti tipikament jinkludu x-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni formali, il-programmi psikoloġiċi u soċjali, it-trattament tad-dipendenza, il-konsulenza dwar id-dejn, il-korsijiet tat-trobbija tat-tfal u l-appoġġ għar-riintegrazzjoni. Attivitajiet rikreattivi bħall-isport, l-arti, il-mużika u l-aċċess għal libreriji jew servizzi reliġjużi huma komuni wkoll. Xi sistemi joffru programmi aktar speċjalizzati jew orjentati lejn il-kultura pprovduti minn voluntiera jew NGOs, inklużi workshops kreattivi, ċrieki ta' diskussjoni jew vjaġġi ta' ġurnata taħt superviżjoni għad-detenuti eliġibbli.

F'ħafna Stati Membri jeżistu reġimi speċjali ta' sigurtà, għalkemm id-definizzjonijiet ivarjaw. Reġimi bħal dawn spiss jinvolvu aktar monitoraġġ, moviment ristrett jew miżuri ta' iżolament, u jistgħu jinkludu t-tqegħid f'ċelloli protetti b'mod speċjali, aktar tfittxijiet, tidwil kontinwu jew limitazzjonijiet fuq l-attivitajiet. Il-kollokament skont dawn ir-reġimi normalment jirrikjedi valutazzjoni tar-riskji bħall-vjolenza, l-awtokorriment, it-tentattivi ta' ħrib jew l-affiljazzjoni bejn il-gruppi. Huma meħtieġa rieżamijiet regolari biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri ma jestendux lil hinn min-neċessità.

L-istatistika dwar ir-reklużjoni - definita bħala iżolament għal 22 siegħa jew aktar mingħajr kuntatt uman sinifikanti - hija limitata. Ftit Stati Membri jżommu sistemi ta' monitoraġġ komprensivi, u b'hekk it-tqabbil isir diffiċli. Id-data disponibbli tissuġġerixxi li teżisti reklużjoni iżda din tiġi rreġistrata b'mod inkonsistenti u tvarja ħafna bejn l-istituzzjonijiet.

### Xejriet ġenerali

Il-ħin barra miċ-ċella jibqa' wieħed mill-aktar aspetti varjabbli tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. L-Istati Membri kollha jissodisfaw ir-rekwiżit bażiku ta' siegħa barra kuljum, iżda b'mod ġenerali, il-ħin barra miċ-ċella jvarja ħafna minħabba l-infrastruttura, il-persunal u d-disponibbiltà tal-programm. L-attivitajiet strutturati huma mifruxa iżda spiss jagħtu prijorità lid-detenuti kkundannati milli lid-detenuti qabel il-proċess. Ir-reġimi speċjali tas-sigurtà jippersistu fl-Istati Membri kollha, tipikament b'salvagwardji għar-rieżami. Xejra konsistenti hija n-nuqqas ta' data robusta dwar ir-reklużjoni, li tenfasizza l-isfidi li għaddejjin fit-trasparenza u fil-monitoraġġ.

## 6. Xogħol u edukazzjoni tad-detenuti sabiex tiġi promossa r-riintegrazzjoni soċjali tagħhom

*(47) L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu fir-riabilitazzjoni soċjali tad-detenuti, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtiġijiet individwali tagħhom. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom sabiex jipprovdu xogħol bi ħlas ta' natura utli. Bil-ħsieb li tiġi promossa r-riintegrazzjoni b'suċċess tad-detenuti fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu preferenza lil xogħol li jinvolvi taħriġ vokazzjonali.*

*(48) Sabiex jgħinu lid-detenuti jħejju għall-ħelsien tagħhom u jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-detenuti kollha jkollhom aċċess għal programmi edukattivi sikuri, inklużivi u aċċessibbli (inkluż l-apprendiment mill-bogħod) li jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali tagħhom filwaqt li jkunu kkunsidrati l-aspirazzjonijiet tagħhom.*

Ix-xogħol u l-edukazzjoni huma rikonoxxuti b'mod wiesa' bħala għodod essenzjali għar-riabilitazzjoni u għar-riintegrazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu attivitajiet strutturati li jippermettu lid-detenuti jiksbu ħiliet, iżommu rutini ta' kuljum u jibnu kompetenzi għall-ħajja ta' wara l-ħelsien. Madankollu, hemm differenzi notevoli fir-rati ta' parteċipazzjoni, fid-disponibbiltà tal-programm u fl-użu ta' ppjanar individwalizzat.

Ħafna Stati Membri jappoġġaw lid-detenuti kkundannati permezz ta' pjanijiet individwali ta' infurzar jew ta' riabilitazzjoni. Dawn il-pjanijiet jidentifikaw objettivi edukattivi, vokazzjonali,

psikoloġiċi u ta' mġiba speċifiċi mfassla għall-ħtiġijiet tad-detenuti. Madankollu, mhux is-sistemi kollha japplikaw b'mod uniformi pjanijiet ta' infurzar individwali. Xi wħud joħolqu pjanijiet ta' infurzar biss għal dawk li jiskontaw sentenzi itwal (mill-inqas sena) jew dawk ivvalutati bħala li jirrikjedu appoġġ immirat. Ftit Stati Membri jżommu ppjanar komprensiv għad-detenuti kollha, irrispettivament mit-tul tas-sentenza. Id-detenuti qabel il-proċess rarament jirċievu pjanijiet sħaħ ta' riabilitazzjoni iżda xorta jistgħu jaċċessaw l-edukazzjoni jew l-opportunitajiet ta' xogħol meta r-restrizzjonijiet tas-sigurtà u proċedurali jippermettu.

Il-parteċipazzjoni fix-xogħol tvarja b'mod sinifikanti. Xi Stati Membri jirrapportaw li perċentwal żgħir biss ta' detenuti jinvolvu ruħhom fix-xogħol, filwaqt li oħrajn jindikaw rati għoljin ħafna ta' parteċipazzjoni fost id-detenuti kkundannati. Id-detenuti qabel il-proċess jipparteċipaw ħafna inqas ta' spiss minħabba regoli ta' parteċipazzjoni volontarja, il-preżunzjoni tal-innoċenza u ostakli prattiċi relatati mal-investigazzjonijiet li għaddejjin.

L-opportunitajiet tal-edukazzjoni jvarjaw minn programmi bażiċi ta' litteriżmu għal studji mill-bogħod fil-livell universitarju. Ħafna sistemi jippermettu li d-detenuti jkomplu l-edukazzjoni formali mibdija qabel id-detenzjoni tagħhom. Il-pjattaformi ta' apprendiment mill-bogħod qed jintużaw dejjem aktar, b'mod partikolari f'sistemi b'infrastruttura tal-ICT b'saħħitha, għalkemm l-aċċess għall-għodod diġitali spiss huwa kkontrollat strettament.

Id-detenuti ġeneralment jitħallsu għax-xogħol, għalkemm il-livelli tal-pagi jvarjaw ħafna. Xi Stati Membri joffru wkoll inċentivi finanzjarji jew mhux finanzjarji għat-tlestija ta' korsijiet edukattivi jew għall-parteċipazzjoni fi programmi ta' trattament.

### Xejriet ġenerali

Ix-xogħol u l-edukazzjoni huma disponibbli b'mod wiesa' iżda huma aċċessati b'mod irregolari. Id-detenuti kkundannati jibbenefikaw l-aktar minn programmi strutturati u minn ippjanar individwali, filwaqt li d-detenuti qabel il-proċess għandhom inqas opportunitajiet. Ir-rati ta' parteċipazzjoni jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, influwenzati mill-kapaċità tal-faċilità, mid-disponibbiltà tal-ħaddiema u mill-oqfsa legali. L-edukazzjoni hija dejjem aktar flessibbli minħabba għażliet ta' apprendiment mill-bogħod.

## 7. Kura tas-saħħa

*(49) L-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li d-detenuti jkollhom aċċess fil-ħin għall-assistenza medika, inkluża dik psikoloġika, li jeħtieġu sabiex iżommu s-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-kura tas-saħħa f'faċilitajiet ta' detenzjoni tissodisfa l-istess standards bħal dawk ipprovduti mis-sistema nazzjonali tas-saħħa pubblika, inkluż fir-rigward ta' trattament psikjatriku.*

*(50) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu superviżjoni medika regolari u jenħtieġ li jinkoraġġixxu programmi ta' vaċċinazzjoni u skrinjar tas-saħħa inkluż għal mard li jista' jittieħed (l-HIV, l-epatite virali B u C, it-tuberkulożi u l-mard trażmess sesswalment) u mard mhux komunikabbli (speċjalment l-iskrinjar tal-kanċer), segwiti mid-dijanjożi u mill-bidu tat-trattament fejn meħtieġ. Il-programmi tal-edukazzjoni dwar is-saħħa jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tar-rati ta' skrinjar u l-litteriżmu fis-saħħa. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tingħata attenzjoni speċjali lit-trattament għad-detenuti bid-dipendenza fuq id-droga, il-prevenzjoni u l-kura tal-mard infettiv, is-saħħa mentali u l-prevenzjoni tas-suwiċidju.*

*(51) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu li jsir eżami mediku mingħajr dewmien żejjed fil-bidu ta' kwalunkwe perjodu ta' ċaħda tal-libertà u sussegwenti għal kwalunkwe trasferiment.*

L-Istati Membri kollha jwettqu valutazzjonijiet mediċi mal-ammissjoni, għalkemm il-ħin ivarja minn skrinjar immedjat fi żmien 24 siegħa mal-wasla għal valutazzjonijiet imwettqa fi żmien diversi jiem (normalment fi żmien 3-5 ijiem tax-xogħol).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jittestjaw għal mard komunikabbli bħall-HIV, l-epatite, it-tuberkulożi u infezzjonijiet trażmessi sesswalment, flimkien ma' skrinjar għal kundizzjonijiet mhux komunikabbli, inklużi l-kanċers. F'xi sistemi, l-enfasi hija primarjament fuq il-mard komunikabbli, u dan jirrifletti r-restrizzjonijiet tar-riżorsi jew il-prijoritizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa pubblika.

Il-mudelli tal-għoti tal-kura tas-saħħa jvarjaw. Xi Stati Membri jibbażaw ħafna fuq persunal tal-kura tas-saħħa intern, inklużi prattikanti ġenerali, infermiera, psikologi, psikjatri u dentisti. Oħrajn jużaw mudelli mħallta li jikkombinaw servizzi interni ma' speċjalisti esterni. Ċerti Stati Membri - b'mod partikolari dawk b'faċilitajiet eqdem jew iżgħar - joffru biss kura medika bażika interna, u jibbażaw b'mod estensiv fuq sptarijiet esterni jew kliniċi tal-outpatient għal servizzi speċjalizzati biex jiżguraw kura 24/7.

Is-suwiċidju jibqa' ta' tħassib fl-Istati Membri kollha. Iċ-ċifri rrapportati jvarjaw b'mod wiesa', b'xi ġuriżdizzjonijiet li jesperjenzaw numri assoluti għoljin minħabba popolazzjonijiet kbar ta' detenuti, filwaqt li oħrajn jirrapportaw rati ogħla meta mqabbla mad-daqs tal-popolazzjoni (li jvarjaw minn 0,07 % sa 1,19 % tal-popolazzjoni tal-ħabs). Il-biċċa l-kbira tas-sistemi jżommu protokolli għall-prevenzjoni tas-suwiċidju, inklużi għodod ta' rapportar u investigazzjoni, inkjesti u protokolli indipendenti.

It-trattament għad-dipendenza huwa disponibbli fl-Istati Membri kollha. Is-servizzi jinkludu d-ditossifikazzjoni taħt superviżjoni, it-trattament assistit medikament, il-psikoterapija, is-sessjonijiet fi gruppi u l-programmi ta' riabilitazzjoni fit-tul. Dawn l-interventi spiss jiffurmaw

parti minn strateġiji usa' tas-saħħa mentali, minħabba t-trikkib bejn l-użu tas-sustanzi u l-vulnerabbiltajiet psikoloġiċi.

### Xejriet ġenerali

Filwaqt li l-Istati Membri kollha jipprovdu servizzi bażiċi u skrinjar inizjali, id-disponibbiltà ta' kura speċjalizzata tvarja b'mod sinifikanti. Il-prevenzjoni tas-suwiċidju u t-trattament tad-dipendenza huma prijoritizzati fl-Istati Membri kollha. Xejra komuni hija d-dipendenza fuq mudelli mediċi mħallta u l-integrazzjoni ta' fornituri esterni għal trattament speċjalizzat.

## 8. Prevenzjoni tal-vjolenza u tat-trattament ħażin

*(52) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżguraw is-sikurezza tad-detenuti u sabiex jipprevjenu kwalunkwe forma ta' tortura jew trattament ħażin. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżguraw li d-detenuti ma jkunux soġġetti għal vjolenza jew għal trattament ħażin mill-persunal fil-faċilità ta' detenzjoni u li jiġu ttrattati b'rispett għad-dinjità tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu wkoll li l-persunal fil-faċilità ta' detenzjoni u l-awtoritajiet kompetenti kollha jipproteġu lid-detenuti mill-vjolenza jew mit-trattament ħażin minn detenuti oħra.*

*(53) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-twettiq ta' dan id-dmir ta' diliġenza u kwalunkwe użu tal-forza mill-persunal fil-faċilità ta' detenzjoni jkunu soġġetti għal superviżjoni.*

Il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-iżgurar tal-protezzjoni minn trattament ħażin huma responsabbiltajiet ewlenin tas-sistemi ta' detenzjoni. L-Istati Membri jirrapportaw approċċi varjati għall-ġbir tad-data, għall-ġestjoni tar-riskju, għat-taħriġ tal-persunal u għall-mekkaniżmi ta' sorveljanza, li jirriflettu kapaċitajiet istituzzjonali u kulturi ta' rapportar differenti. Għalkemm l-inċidenti fatali huma ġeneralment rari, il-vjolenza, l-intimidazzjoni u l-aggressjoni mhux fatali jseħħu fi gradi differenti madwar l-Istati Membri.

Data affidabbli dwar inċidenti vjolenti tibqa' diffiċli biex tinkiseb f'ħafna ġuriżdizzjonijiet. Ftit Stati Membri jżommu bażijiet tad-data ċentralizzati li jiddokumentaw il-vjolenza li tirriżulta f'korriment serju jew f'mewt, filwaqt li oħrajn jibbażaw fuq rapportar manwali mill-faċilitajiet, u b'hekk jillimitaw l-akkuratezza u l-komparabbiltà. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw numri baxxi jew l-ebda inċident fatali matul is-snin rilevanti. L-istatistika dwar il-vjolenza mhux fatali turi diversità konsiderevoli, b'xi sistemi jirreġistraw mijiet jew eluf ta' inċidenti kull sena, filwaqt li oħrajn jirrapportaw biss ftit.

Il-miżuri preventivi kontra l-vjolenza fost id-detenuti tipikament jinkludu valutazzjoni strutturata tar-riskju, protokolli ta' rapportar għall-persunal mediku, l-immappjar tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni u s-sorveljanza tal-kamera.

Miżuri oħra rrapportati minn xi Stati Membri jinkludu l-promozzjoni ta' ambjent mhux vjolenti permezz, pereżempju, ta' għażliet ta' disinn ta' ġewwa u l-preżenza ta' superviżuri; żieda fl-osservazzjoni u tfittxijiet regolari fuq il-ġisem tal-persuna ta' detenuti b'riskju għoli; programmi

mfassla biex jgħinu lid-detenuti jimmaniġġaw l-emozzjonijiet u l-impulsi tagħhom, bħal taħriġ kontra l-aggressjoni jew terapija fuq l-annimali; unitajiet speċjalizzati tal-pulizija tal-ħabs; u bordijiet ta' monitoraġġ multidixxiplinari.

Ħafna sistemi jużaw approċċi dinamiċi ta' sigurtà li jenfasizzaw l-interazzjoni kontinwa bejn il-persunal u d-detenuti biex jipprevjenu l-kunflitt u jidentifikaw ir-riskji kmieni. It-taħriġ tal-persunal spiss jinkludi tekniki ta' tnaqqis tal-eskalazzjoni, il-ġestjoni ta' mġiba aggressiva u protokolli għall-użu tal-forza.

Prattikament l-Istati Membri kollha kkonfermaw li l-persunal mediku tal-ħabs għandu d-dmir li jirrapporta awtomatikament każijiet li jindikaw trattament ħażin lill-ġerarkija tal-ħabs (eż.il-gwardjan ewlieni jew il-gvernatur tal-ħabs), lid-dipartiment tal-pulizija kompetenti u/jew lill-prosekutur li jissorvelja. Dak id-dmir japplika irrispettivament minn jekk it-trattament ħażin huwiex attribwibbli għal detenut ieħor jew għal persunal fil-ħabs. Ftit Stati Membri nnotaw li - fil-prinċipju - il-persunal mediku huwa marbut bil-kunfidenzjalità u għalhekk jista' jiżvela informazzjoni personali biss wara li jikseb il-kunsens. Iżda anke f'dawk l-Istati Membri hemm eċċezzjonijiet, speċjalment meta d-detenut affettwat ikun minorenni jew b'xi mod ieħor vulnerabbli, meta l-persunal mediku jkun xhud tal-inċident, meta t-trattament ħażin jikkostitwixxi reat serju li jattira sentenza ta' aktar minn sena priġunerija, u/jew meta jkun hemm riskju sinifikanti għall-ħajja jew għas-saħħa tad-detenut jew ta' partijiet terzi. F'xi Stati Membri l-kunfidenzjalità tista', jew trid, tinqasam fil-każijiet kollha fejn il-persunal tal-ħabs ikun ġie implikat.

Is-salvagwardji kontra t-trattament ħażin mill-persunal jirriflettu dawk applikati għall-vjolenza bejn id-detenuti, ippreżentati hawn fuq.

Miżuri oħra kontra t-trattament ħażin mill-persunal irrapportati minn xi Stati Membri jinkludu dipartimenti speċjali tal-ħabs inkarigati bil-monitoraġġ tat-trattament ħażin potenzjali tad-detenuti mill-persunal, kameras obbligatorji tal-ġisem għall-persunal li jinteraġixxu mad-detenuti, edukazzjoni tal-persunal fid-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tat-tortura, taħriġ dwar il-vulnerabbiltà, kif ukoll aċċess għall-proċeduri interni u esterni ta' responsabbiltà u ta' lmenti. Barra minn hekk, kważi l-Istati Membri kollha ddikjaraw li għandhom sistemi fis-seħħ biex jirreġistraw l-użu tal-forza kontra d-detenuti, għalkemm dawn is-sistemi jistgħu jvarjaw fl-ambitu u fis-sofistikazzjoni, li jvarjaw mid-disponibbiltà tal-filmati tal-kamera sal-impożizzjoni ta' obbligu fuq il-persunal tal-ħabs li jippreżenta rapport mal-ġerarkija tiegħu u/jew mal-imħallef jew mal-prosekutur superviżur. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom ukoll (jew tal-inqas) sistema tal-IT ċentralizzata jew reġistru biex jirreġistraw l-inċidenti mhux tas-soltu kollha bejn il-persunal u d-detenuti, inkluż l-użu tal-forza, u xi wħud għandhom proċeduri ta' rapportar speċjali għall-użu ta' armi bħal armi tan-nar u lembubi.

Il-proporzjonijiet tal-persunal għad-detenzjoni jvarjaw ukoll b'mod sinifikanti fost il-ġuriżdizzjonijiet, li jvarjaw minn inqas minn 0,2 membru tal-persunal għal kull detenut għal aktar minn 0,8 membru tal-persunal għal kull detenut, u dan jirrifletti mudelli differenti ta' persunal, daqsijiet ta' faċilitajiet u restrizzjonijiet ta' riżorsi. Xi sistemi għandhom proporzjonijiet relattivament għoljin li jappoġġaw il-monitoraġġ aktar intensiv u s-sigurtà dinamika, filwaqt li oħrajn joperaw b'inqas persunal relattiv għall-popolazzjoni tad-detenuti, li jżidu l-isfidi għas-superviżjoni u s-sikurezza.

**Xejriet ġenerali**

Madwar l-Istati Membri, il-prevenzjoni tal-vjolenza u tat-trattament ħażin tibqa' prijorità, għalkemm il-kwalità tad-data u l-kapaċità ta' monitoraġġ ivarjaw ħafna. L-inċidenti fatali huma rari, iżda l-vjolenza mhux fatali tkompli toħloq sfidi. Is-sistemi jenfasizzaw dejjem aktar fuq l-istrateġiji preventivi, it-taħriġ tal-persunal u s-sigurtà dinamika. Il-proporzjonijiet tal-persunal ivarjaw ħafna, u jinfluwenzaw il-livelli ta' superviżjoni u sikurezza.

## 9. Kuntatt mad-dinja ta' barra

*(54) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lid-detenuti jirċievu żjarat mill-familji tagħhom u minn persuni oħra, bħar-rappreżentanti legali, il-ħaddiema soċjali u l-prattikanti mediċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu wkoll lid-detenuti jikkorrispondu liberament ma' tali persuni b'ittra u, kemm jista' jkun spiss, bit-telefown jew b'forom oħra ta' komunikazzjoni inklużi mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni għall-persuni b'diżabilità.*

*(55) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu faċilitajiet xierqa sabiex jakkomodaw żjarat tal-familja f'kundizzjonijiet favorevoli għat-tfal, kompatibbli mad-domandi tas-sigurtà iżda inqas trawmatiċi għat-tfal. Tali żjarat tal-familja jenħtieġ li jiżguraw iż-żamma ta' kuntatt regolari u sinifikanti bejn il-membri tal-familja.*

*(56) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jippermettu l-komunikazzjoni permezz ta' mezzi diġitali, bħal sejħiet bil-vidjo, sabiex, fost l-oħrajn, jippermettu lid-detenuti jżommu kuntatt mal-familji tagħhom, japplikaw għal impjiegi, jieħdu korsijiet ta' taħriġ jew ifittxu akkomodazzjoni bi tħejjija għall-ħelsien.*

Iż-żamma ta' rabtiet mal-familja, mal-ħbieb, mar-rappreżentanti legali u mal-appoġġ komunitarju hija komponent vitali tad-detenzjoni umana u tar-riintegrazzjoni b'suċċess. L-Istati Membri kollha jiggarantixxu lid-detenuti d-dritt li jżommu kuntatt mad-dinja ta' barra, għalkemm il-frekwenza, id-durata u l-kundizzjonijiet taż-żjarat u tal-komunikazzjoni jvarjaw b'mod sostanzjali.

Iż-żjarat tal-familja f'arrest preventiv, pereżempju, huma permessi f'kull Stat. Madankollu, il-frekwenza minima tista' tvarja minn darba jew darbtejn fix-xahar sa bejn darba u tliet darbiet fil-ġimgħa sa kuljum jew spiss daqskemm jippermettu l-kapaċitajiet istituzzjonali, filwaqt li d-durata minima rrapportata ta' kull żjara hija ta' 30-60 minuta fil-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet. Barra minn hekk, xi Stati Membri jittrattaw żjarat konjugali bħal żjarat tal-familja jew jippermettu żjara addizzjonali u itwal kull xahar jew kull trimestru jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li oħrajn ma jipprovdux din l-għażla. Iż-żjarat mil-lum għall-għada huma possibbli, anke dawn skont ċerti kundizzjonijiet u bi frekwenzi aktar baxxi (tipikament darba jew darbtejn kull 6 xhur), fi ftit ġuriżdizzjonijiet biss. L-avukati, b'kuntrast, għandhom aċċess għall-klijenti tagħhom fuq talba fl-Istati Membri kollha.

Fil-biċċa l-kbira, dawn ix-xejriet ta' aċċess ma jinbidlux wara l-proċess. F'xi Stati Membri, il-frekwenza taż-żjarat tal-familja tista' tiġi aġġustata 'l isfel, iżda d-durata għandha t-tendenza li

tiżdied, filwaqt li f'oħrajn, il-frekwenza tista' tiżdied ukoll. U fl-aħħar nett, aktar Stati Membri huma lesti li jorganizzaw żjarat konjugali u/jew matul il-lejl.

Kważi l-Istati Membri kollha kkonfermaw li kemm fl-arrest preventiv kif ukoll fid-detenzjoni ta' wara l-proċess hemm arranġamenti speċjali għaż-żjarat mit-tfal. Madankollu, l-iskala u l-iskop ta' dawn l-arranġamenti jistgħu jvarjaw mill-issodisfar tar-rekwiżiti bażiċi ta' salvagwardja (speċjalment l-akkumpanjament tat-tfal minn adult xieraq) u l-forniment ta' żoni adattati għall-minuri b'ġugarelli, eċċ., li ġew irrapportati mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; għal żjarat estiżi jew addizzjonali li jqisu s-sigħat tal-iskola; u għal attivitajiet strutturati u programmi b'persunal imfassla biex irawmu rabta b'saħħitha bejn il-ġenitur u t-tfal u biex ikissru ċ-ċiklu interġenerazzjonali ta' żvantaġġ u ta' priġunerija.

Il-lista ta' raġunijiet biex jiġu limitati d-drittijiet għall-aċċess, jew permezz ta' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jew sorveljanza, inkluż b'mezzi tekniċi, tista' tinkludi tħassib dwar is-sigurtà u l-ordni, kif ukoll azzjoni dixxiplinari għall-ksur tar-regoli tal-ħabs, kunsiderazzjonijiet tal-benesseri tat-tfal jew in-nuqqas ta' kunsens tal-ġenituri. Barra minn hekk, il-protezzjoni (ordnata mill-qorti) tal-investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess li għaddejjin tipprevjeni l-kuntatt mal-vittmi u max-xhieda, mal-membri tal-grupp, eċċ., u l-protezzjoni (ordnata mill-qorti) tal-objettiv ta' kustodja ta' wara l-proċess tipprevjeni l-kuntatt ma' persuni li x'aktarx ikollhom impatt detrimentali fuq l-isforzi ta' riabilitazzjoni u riintegrazzjoni.

L-ittri u t-telefonati huma standard fl-Istati Membri kollha, għalkemm it-telefonati jistgħu jkunu limitati fil-frekwenza u fid-durata. Tipikament, dawn huma permessi mill-inqas darba fil-ġimgħa, għal medja ta' 10-20 minuta u huma soġġetti għall-fatt li d-detenut ikun xtara kreditu suffiċjenti. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, barra minn hekk, stabbilew, jew jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu, telefonati bil-vidjo li għandhom isiru jew flimkien ma', jew minflok, żjarat regolari ta' persuni. Dawn it-telefonati bil-vidjo huma maħsuba speċjalment għall-familja u għat-tfal żgħar, u speċjalment fid-detenzjoni ta' wara l-proċess fejn tali relazzjonijiet jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jinżammu. Għall-kuntrarju tat-telefonati bit-telefown, it-telefonati bil-vidjo jistgħu jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet, bħall-approvazzjoni minn qabel u s-superviżjoni, iżda jistgħu jdumu wkoll aktar, b'xi Stati Membri, pereżempju, li jippermettu sa sagħtejn għal kull sessjoni. Il-komunikazzjoni permezz tal-posta elettronika u l-użu indipendenti tal-internet, min-naħa l-oħra, fil-biċċa l-kbira ma humiex disponibbli. Diversi Stati Membri rrapportaw eċċezzjonijiet għal skopijiet speċifiċi, bħall-attivitajiet edukattivi, ix-xogħol jew ir-regolamentazzjoni tal-affarijiet personali. Iżda f'dawn il-każijiet, l-aċċess ġeneralment jingħata għal ċerti siti web "white-listed" biss u ma huwiex maħsub għall-komunikazzjoni personali.

Bħaż-żjarat, il-komunikazzjoni mad-dinja ta' barra tista' tkun ristretta jew ipprojbita wkoll. Ħlief għal korrispondenza uffiċjali jew privileġġata, jistgħu jinfetħu, jinqraw u/jew jiġu rtirati ittri. It-telefonati jistgħu jiġu rrekordjati u n-numri li għandhom jintlaħqu jistgħu jirrikjedu l-approvazzjoni. Ir-raġunijiet għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri jvarjaw bejn l-Istati Membri. Dawn jinkludu tħassib dwar is-sigurtà u l-ordni, speċjalment fir-rigward tal-prevenzjoni ta' reati u/jew ir-radikalizzazzjoni (ulterjuri), kif ukoll azzjoni dixxiplinari għall-ksur tar-regoli tal-ħabs. Raġunijiet oħra jinkludu l-protezzjoni (ordnata mill-qorti) ta' investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess li jkunu għaddejjin (riskju ta' tbagħbis tax-xhieda, eċċ.) u l-protezzjoni (ordnata mill-qorti) tal-vittmi u l-objettiv usa' ta' kustodja ta' wara l-proċess. Kważi l-Istati Membri kollha kienu ħerqana li jenfasizzaw li kull deċiżjoni li tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-komunikazzjoni jeħtieġ li tkun immirata, motivata u temporanja, iżda l-biċċa l-kbira ma setgħux jispeċifikaw limitu ta' żmien. L-ordnijiet tal-qorti jistgħu jibqgħu fis-seħħ

matul id-durata kollha tal-arrest preventiv, pereżempju, filwaqt li l-miżuri dixxiplinari neċessarjament se jkunu b'ħajja iqsar. B'mod ġenerali, il-proporzjonalità u r-rieżami regolari jidhru li huma l-prinċipji gwida.

### Xejriet ġenerali

Il-kuntatt mad-dinja ta' barra huwa ffaċilitat b'mod wiesa' iżda implimentat b'mod mhux uniformi. Iż-żjarat tal-familja u l-aċċess għat-telefown huma standard, filwaqt li t-telefonati bil-vidjo qed isiru dejjem aktar komuni. L-aċċess għall-internet u għall-posta elettronika għadu ristrett. L-Istati Membri jagħmlu enfasi qawwija fuq arranġamenti ta' żjarat enfasizzati fuq it-tfal. Ix-xejra ġenerali tirrifletti bilanċ bejn iż-żamma tas-sigurtà u l-iffaċilitar ta' rabtiet soċjali sinifikanti, b'teknoloġiji moderni li gradwalment jespandu l-opportunitajiet ta' komunikazzjoni.

## 10. Assistenza legali

*(58) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-detenuti jkollhom aċċess effettiv għal avukat.*

*(59) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-laqgħat u ta' forom oħra ta' komunikazzjoni, inkluża l-korrispondenza legali, bejn id-detenuti u l-konsulenti legali tagħhom.*

*(60) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu lid-detenuti aċċess għal dokumenti relatati mal-proċedimenti legali tagħhom, jew jippermettulhom iżommuhom fil-pussess tagħhom.*

L-Istati Membri kollha kkonfermaw, f'aktar jew f'inqas dettall, li d-detenuti qabel il-proċess jistgħu jaċċessaw l-assistenza legali, b'mod partikolari billi jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jaħtru avukat difensur. Ħafna Stati Membri għamluha ċara li l-arrest preventiv huwa sitwazzjoni li tirrikjedi difiża obbligatorja, u li l-għajnuna legali u d-difensuri pubbliċi huma disponibbli għal dawk b'riżorsi finanzjarji insuffiċjenti (kif definit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali). Barra minn hekk, xi Stati Membri nnotaw li l-persunal u l-ħaddiema soċjali fil-ħabsijiet tagħhom jipprovdu lid-detenuti qabel il-proċess b'informazzjoni prattika u b'pariri dwar kif persuna għandha tfittex l-assistenza (lista ta' avukati, NGOs, eċċ.) u jistgħu jgħinu biex jiġi stabbilit il-kuntatt inizjali. Il-komunikazzjoni u l-korrispondenza mal-avukat difensur huma pprivileġġati fl-Istati Membri kollha, u ż-żjarat tagħhom ma humiex soġġetti għal limitazzjonijiet.

Wara s-sentenza, id-detenuti fl-Istati Membri kollha għandhom id-dritt li jfittxu assistenza legali biex jikkontestaw deċiżjonijiet amministrattivi jew dixxiplinari u miżuri ta' sigurtà, u biex jippreżentaw ilmenti dwar trattament ħażin jew kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni, jew internament, fil-qorti jew permezz ta' rikors għal mekkaniżmi internazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri reġgħu nnotaw id-disponibbiltà tal-għajnuna legali, u għadd żgħir minnhom irrapportaw li l-avukati tal-għajnuna legali huma regolarment preżenti fil-ħabsijiet biex jagħtu pariri. Il-miżuri fis-seħħ f'għadd kbir ta' Stati Membri biex jiffaċilitaw id-dritt għall-assistenza legali huma kif ġej:

- il-possibbiltà ta' konsultazzjoni remota (VoIP) ma' avukat;

- telefonati, skambji bil-posta elettronika u korrispondenza postali bejn l-avukat u d-detenut;
- l-aċċess għall-fajl mid-detenut (permezz tal-avukat);
- l-aċċess għal kompjuter mid-detenut biex jieħu noti;
- lista ta' avukati għad-detenuti li ma humiex rappreżentati; u
- permess għall-avukat biex iġib il-kompjuter tiegħu stess fil-ħabs.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jagħtu lid-detenuti aċċess fiżiku għal fajls personali u/jew tal-każijiet. Xi Stati Membri jipprovdu wkoll aċċess diġitali (fuq pjattaforma ta' wiri sigura, permezz tal-USB, eċċ.) fil-każijiet kollha jew f'xi każijiet.

**Xejriet ġenerali**

L-assistenza legali hija garantita madwar l-Istati Membri. Id-difiża obbligatorja fl-arrest preventiv, fl-għajnuna legali u fil-protezzjonijiet b'saħħithom tal-kunfidenzjalità joħolqu salvagwardji b'saħħithom. L-aċċess diġitali għall-komunikazzjoni legali qed jespandi iżda jvarja fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

## 11. Talbiet u lmenti

*(61) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-detenuti kollha jkunu infurmati b'mod ċar bir-regoli applikabbli fil-faċilità ta' detenzjoni speċifika tagħhom.*

*(62) L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess effettiv għal proċedura li tippermetti lid-detenuti jikkontestaw b'mod uffiċjali aspetti tal-ħajja tagħhom f'detenzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-detenuti jkunu jistgħu jressqu liberament talbiet u lmenti kunfidenzjali dwar it-trattament tagħhom, kemm permezz ta' mekkaniżmi interni kif ukoll esterni għall-ilmenti.*

*(63) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ilmenti tad-detenuti jiġu ttrattati minnufih u b'diliġenza minn awtorità jew tribunal indipendenti li jkollu s-setgħa li jordna miżuri ta' sokkors b'mod partikolari miżuri biex jitterminaw kwalunkwe ksur tad-dritt li ma jkunux soġġetti għal tortura jew trattament inuman jew degradanti.*

Mekkaniżmi effettivi għall-ilmenti jiżguraw ir-responsabbiltà, it-trasparenza u r-rispett għad-drittijiet tad-detenuti. Il-ġuriżdizzjonijiet kollha jipprovdu mekkaniżmi biex id-detenuti jiksbu informazzjoni, jagħmlu talbiet u jressqu lmenti dwar il-kundizzjonijiet, it-trattament jew kwistjonijiet proċedurali.

L-Istati Membri kollha kkonfermaw li, mal-wasla, id-detenuti jiġu infurmati b'mod ċar bir-regoli tal-faċilità li fiha jinsabu detenuti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, dan isir b'mod orali - pereżempju, matul l-intervista ta' akkoljenza mal-gvernatur tal-ħabs - u/jew bil-miktub permezz ta' fuljetti, gwidi ta' referenza rapida, posters murija, eċċ., li jingħataw lid-detenuti u/jew li jinsabu fiċ-ċelel u fi spazji komunali. Xi Stati Membri rrapportaw li jużaw vidjos informattivi wkoll. Xi Stati Membri wrew ukoll l-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-informazzjoni essenzjali disponibbli f'forma elettronika, wara li stabbilew portali tal-IT iddedikati bħall-intranets organizzazzjonali (b'taqsimiet dwar ir-regoli, id-drittijiet u d-dokumenti, iżda wkoll aġġornamenti dwar l-attivitajiet u l-aħbarijiet, kontijiet personali għall-ġestjoni tal-kwoti, eċċ.)

li jistgħu jiġu aċċessati direttament miċ-ċelel tad-detenuti jew billi jżuru punt ta' informazzjoni. Ikun xi jkun il-mezz, l-Istati Membri kollha taw xi assigurazzjoni li r-regoli jiġu tradotti - minn interpretu jew bl-għajnuna ta' software xieraq - f'lingwi differenti.

Il-mekkaniżmi tal-ilmenti jvarjaw iżda ġeneralment jinkludu s-sottomissjoni ta' lmenti orali jew bil-miktub direttament lill-persunal, kaxxi tal-ilmenti anonimi, formoli tal-ilmenti u proċeduri li jinvolvu rwoli interni speċjalizzati bħall-ombudsmen tal-ħabs, l-imħallfin tal-ilmenti jew il-prosekuturi. Xi sistemi jużaw il-kelliema eletti tad-detenzjoni jew "buddies" għad-detenzjoni biex jappoġġaw il-komunikazzjoni.

Il-limiti ta' żmien għad-detenuti biex jirċievu rispons għall-ilmenti tagħhom ivarjaw fost l-Istati Membri u jiddependu kemm min-natura kif ukoll mill-urġenza tal-ilment u mill-mod kif ikun ġie ppreżentat. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li l-ilmenti jiġu pproċessati u indirizzati malajr kemm jista' jkun, li jvarjaw minn 3 ijiem sa mhux aktar tard minn 2-3 xhur.

Il-proċeduri esterni tal-ilmenti għandhom it-tendenza li jinkludu l-bord tal-ħabs, il-kap tas-servizz tal-ħabs, u l-ogħla awtorità superviżorja (tipikament, il-Ministeru għall-Ġustizzja), kif ukoll awtoritajiet nazzjonali indipendenti - bħal kummissarju tal-ħabs jew ombudsman - u korpi ta' sorveljanza internazzjonali, b'mod partikolari, il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Piena Inumana jew Degradanti (CPT). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri semmew ukoll il-possibbiltà ta' rieżami ġudizzjarju (inkluż ta' deċiżjonijiet amministrattivi meħuda b'rispons għal ilmenti interni) minn qrati nazzjonali u internazzjonali kompetenti. Barra minn hekk, id-detenuti huma dejjem liberi li jikkuntattjaw lill-aġenziji tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni kif ukoll lill-avukat difensur biex jiġbdu l-attenzjoni għall-ilmenti u għall-imġiba ħażina rilevanti.

### Xejriet ġenerali

Madwar l-Istati Membri, l-aċċess għall-mekkaniżmi tal-ilmenti huwa komprensiv iżda jvarja fis-sofistikazzjoni. Id-diġitalizzazzjoni qed ittejjeb gradwalment it-trasparenza u ż-żminijiet ta' rispons. L-informazzjoni, anke b'lingwi differenti, tiġi pprovduta mal-ammissjoni. Is-sorveljanza esterna tibqa' mezz importanti biex jiġu kkomplementati l-mekkaniżmi interni għall-ilmenti.

## 12. Miżuri speċjali għan-nisa u għall-bniet

*(64) L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-ħtiġijiet fiżiċi, vokazzjonali, soċjali u psikoloġiċi speċifiċi tan-nisa u tal-bniet, kif ukoll ir-rekwiżiti sanitarji u tal-kura tas-saħħa, meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe aspett tad-detenzjoni tagħhom.*

*(65) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lill-persuni detenuti jwelldu fi sptar barra mill-faċilità ta' detenzjoni. Meta minuri madankollu jitwieled fil-faċilità ta' detenzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw l-appoġġ u l-faċilitajiet kollha meħtieġa sabiex jipproteġu r-rabta bejn l-omm u l-wild u sabiex jissalvagwardjaw il-benesseri fiżiku u mentali tagħhom, inkluża kura tas-saħħa xierqa ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid.*

*(66) L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lid-detenuti li għandhom tfal żgħar li jżommu lil dawn it-tfal magħhom fil-faċilità ta' detenzjoni sal-punt li dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tfal. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu akkomodazzjoni speċjali u jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha favorevoli għat-tfal sabiex jiżguraw is-saħħa u l-benesseri tat-tfal affettwati matul l-iskontar tas-sentenza.*

In-nisa f'detenzjoni għandhom ħtiġijiet distinti relatati mal-kura tas-saħħa, is-sikurezza, ir-responsabbiltajiet tal-familja u l-vulnerabbiltà għall-abbuż. L-Istati Membri adottaw firxa ta' miżuri li jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet, għalkemm il-livell ta' dispożizzjoni jvarja ħafna.

L-Istati Membri jipprovdu allokazzjoni separata jew f'faċilitajiet separati jew fi swali separati, kif ukoll prodotti tal-iġjene tan-nisa u unitajiet għall-ommijiet u l-ulied li jippermettu lin-nisa jgħixu mat-tfal tagħhom filwaqt li jservu s-sentenzi tagħhom jew jistennew il-proċess (ara hawn taħt). Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri nnotaw impenn wiesa' għal trattament u miżuri ta' appoġġ immirati għad-detenuti nisa. Dan jista' jinkludi kura tas-saħħa fiżika u mentali speċjalizzata, b'mod partikolari, aċċess għal eżamijiet ġinekoloġiċi ta' rutina, servizzi ta' qabel u ta' wara t-twelid, kif ukoll interventi soċjali, psikosoċjali u psikjatriċi għal dawk li jitħabtu mal-ansjetà jew mad-dipressjoni jew li esperjenzaw vjolenza jew abbuż; attivitajiet sportivi u ta' divertiment "speċifiċi għall-ġeneru", programmi edukattivi, jew opportunitajiet ta' xogħol u taħriġ vokazzjonali, żjarat itwal jew addizzjonali mit-tfal; tfittxijiet fuq il-persuna u/jew superviżjoni minn persunal tal-ħabs femminili; u użu regolat b'mod aktar strett ta' miżuri dixxiplinari, speċjalment reklużjoni, matul it-tqala u wara l-ħlas.

L-Istati Membri kollha kkonfermaw li d-detenuti nisa jitħallew regolarment iwelldu barra mill-ħabs, għalkemm hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-għadd assolut ta' detenuti li welldu matul l-aħħar tliet snin, li jvarjaw minn inqas minn 10 għal aktar minn 150 twelid f'detenzjoni. Dan jindika, min-naħa tiegħu, approċċi pjuttost differenti għall-inkarċerazzjoni ta' nisa tqal madwar l-UE.

L-età sa meta t-tfal jitħallew joqogħdu ma' ommhom il-ħabs hija ta' sena jew ta' 3 snin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, fejn dan ikun fl-aħjar interess tal-wild minuri. F'xi Stati Membri, ma hemm l-ebda limitu strett tal-età, filwaqt li fi ftit Stati Membri t-tfal jistgħu jibqgħu ma' ommhom fil-ħabs sal-età ta' 6 snin.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonfermaw li għandhom unitajiet għall-ommijiet u għall-ulied u li n-nisa bit-tfal jiġu akkomodati f'dawk l-unitajiet.

**Xejriet ġenerali**

Il-ħtiġijiet tan-nisa qed jiġu rikonoxxuti dejjem aktar fis-sistemi ta' detenzjoni, b'titjib fil-kura tas-saħħa, fil-provvista tal-iġjene, fis-sikurezza u fl-appoġġ għall-familja. L-unitajiet għall-ommijiet u għall-ulied huma disponibbli b'mod wiesa', għalkemm l-istruttura u l-limiti tal-età tagħhom ivarjaw. Il-politiki sensittivi għall-ġeneru għadhom ma humiex uniformi, b'xi ġuriżdizzjonijiet joffru servizzi komprensivi u oħrajn jibbażaw fuq dispożizzjonijiet aktar limitati.

## 13. Miżuri speċjali għal persuni ta' nazzjonalità barranija

*(67) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li persuni ta' nazzjonalità barranija u detenuti oħra bi bżonnijiet lingwistiċi partikolari mċaħħda mil-libertà jkollhom aċċess raġonevoli għas-servizzi ta' interpretazzjoni professjonali u għat-traduzzjonijiet ta' materjali bil-miktub f'lingwa li jifhmu.*

*(68) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-persuni ta' nazzjonalità barranija jiġu informati, mingħajr dewmien żejjed, dwar id-dritt tagħhom li jitolbu kuntatt, u jingħataw faċilitajiet raġonevoli sabiex jikkomunikaw, mas-servizz diplomatiku jew konsulari tal-pajjiż ta' nazzjonalità tagħhom.*

*(69) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-assistenza legali.*

*(70) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-persuni ta' nazzjonalità barranija jiġu informati bil-possibbiltà li jitolbu li l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew tal-miżuri ta' superviżjoni ta' qabel il-proċess jiġu ttrasferiti lejn il-pajjiż tan-nazzjonalità jew tar-residenza permanenti tagħhom, bħal taħt id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI*

Il-persuni ta' nazzjonalità barranija jiffurmaw proporzjon sinifikanti tal-popolazzjonijiet ta' detenuti f'ħafna ġuriżdizzjonijiet, u s-sistemi ta' detenzjoni adattaw il-proċeduri tagħhom biex jindirizzaw l-ostakli lingwistiċi, legali u soċjali li tali detenuti jistgħu jiffaċċjaw. L-Istati Membri kollha jirrapportaw miżuri speċjalizzati maħsuba biex jiżguraw li l-persuni ta' nazzjonalità barranija jkunu jistgħu jifhmu u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, iżommu l-komunikazzjoni mal-konsolati tagħhom u jaċċessaw l-appoġġ għar-riintegrazzjoni.

Minbarra t-traduzzjoni u l-interpretazzjoni tal-informazzjoni, bħar-regoli tal-faċilità, ħafna Stati Membri rrapportaw miżuri addizzjonali biex jappoġġaw lill-persuni ta' nazzjonalità barranija f'detenzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu, b'mod partikolari, l-aċċess għal korsijiet lingwistiċi rilevanti, l-investiment f'attivitajiet, fi programmi jew f'persunal speċjalizzat biex jitrawmu l-integrazzjoni u l-ħiliet interkulturali, il-faċilitazzjoni ta' telefonati jew telefonati bil-vidjo internazzjonali biex jiġu protetti r-rabtiet tal-familja, l-akkomodazzjoni flimkien mad-detenuti tal-istess sfond nazzjonali u/jew lingwistiku u l-assistenza fuq kwistjonijiet ta' immigrazzjoni. It-tipi differenti ta' servizzi ta' interpretazzjoni użati mill-Istati Membri jinkludu interpreti interni jew esterni (interpretar simultanju), interpretazzjoni bl-awdjo/vidjo, għodod ta'

traduzzjoni elettronika, membri tal-persunal multilingwi, jew assistenza minn persuni detenuti li jitkellmu l-istess lingwa.

L-Istati Membri kollha kkonfermaw li, fil-qafas u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali, il-persuni ta' nazzjonalità barranija għandhom dritt jinnotifikaw lir-rappreżentanza diplomatika jew konsulari rispettiva tagħhom bid-detenzjoni tagħhom, u li l-korrispondenza, it-telefonati jew it-telefonati bil-vidjo, u ż-żjarat jistgħu jsiru b'mod kunfidenzjali u mingħajr restrizzjonijiet żejda. Bl-istess mod, l-Istati Membri kollha kkonfermaw li l-persuni ta' nazzjonalità barranija jistgħu jaċċessaw assistenza legali u għajnuna legali skont l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tagħhom stess.

Kważi l-Istati Membri kollha rrapportaw li l-persuni ta' nazzjonalità barranija jiġu infurmati b'mod proattiv bil-possibbiltà li jitolbu li l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew tal-miżura ta' superviżjoni ta' qabel il-proċess tiġi ttrasferita lejn il-pajjiż tan-nazzjonalità jew tar-residenza permanenti tagħhom skont id-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI u 2009/829/ĠAI. F'xi Stati Membri, din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-persunal tal-ħabs matul il-proċedura ta' ammissjoni, bil-fomm u/jew bil-miktub u b'lingwa li d-detenut ikun jista' jifhem. F'xi Stati Membri, hija inkluża fil-fuljetti informattivi li jingħataw lid-detenuti kollha mal-wasla. Madankollu, diversi Stati Membri għamluha ċara li l-għajnuna legali nazzjonali hija - tal-anqas f'xi każijiet - disponibbli biex jintalab tali trasferiment.

**Xejriet ġenerali**

Iċ-ċittadini barranin jirċievu appoġġ proċedurali mifrux, b'mod partikolari fl-aċċess għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni u l-komunikazzjoni mal-awtoritajiet konsulari. Il-miżuri edukattivi u ta' integrazzjoni huma komuni, għalkemm id-disponibbiltà tagħhom tvarja, u l-assistenza fit-trasferimenti ta' sentenzi ta' kustodja jew miżuri ta' superviżjoni hija aktar irregolari.

## 14. Miżuri speċjali għat-tfal u għall-adulti żgħażagħ

*(71) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fil-kwistjonijiet kollha relatati mad-detenzjoni tagħhom, u li d-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jitqiesu meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe aspett tad-detenzjoni tagħhom.*

*(72) Għat-tfal, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġim ta' detenzjoni xieraq u multidixxiplinari, li jiżgura u jippreserva s-saħħa tagħhom u l-iżvilupp fiżiku, mentali u emozzjonali tagħhom, id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-eżerċitar effettiv u regolari tad-dritt tagħhom għall-ħajja tal-familja, u l-aċċess tagħhom għal programmi li jrawmu r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà.*

*(73) Kwalunkwe użu ta' miżuri dixxiplinari, inkluża r-reklużjoni, l-użu ta' restrizzjonijiet jew l-użu tal-forza għandu jkun soġġett għal kunsiderazzjonijiet stretti ta' neċessità u proporzjonalità.*

*(74) Fejn xieraq, l-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw ir-reġim ta' detenzjoni tal-minorenni għal delinkwenti żgħażagħ taħt l-età ta' 21 sena.*

It-tfal u l-adulti żgħażagħ f'detenzjoni jirrikjedu salvagwardji speċjalizzati minħabba l-ħtiġijiet ta' żvilupp tagħhom, vulnerabbiltà akbar u potenzjal akbar għar-riabilitazzjoni. L-Istati Membri jipprovdu firxa wiesgħa ta' miżuri ta' protezzjoni li jirregolaw is-separazzjoni, l-edukazzjoni, il-prattiki dixxiplinari u l-appoġġ psikoloġiku.

Minbarra l-allokazzjoni separata, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li r-reġimi ta' detenzjoni ta' tfal taħt l-età ta' 18-il sena u, fejn applikabbli, adulti żgħażagħ bejn l-età ta' 18 u 21 sena huma bbażati fuq objettivi mhux punittivi u edukattivi u l-appoġġ soċjali u psikoloġiku meħtieġ biex jiġi promoss sens ta' responsabbiltà ċivika u appartenenza. Minbarra t-tlestija tal-edukazzjoni obbligatorja, it-taħriġ vokazzjonali u attivitajiet sportivi u ta' divertiment xierqa, eżempji konkreti ta' x'jista' jinvolvi dan jinkludu kundizzjonijiet ta' għajxien miftuħa jew semimiftuħa; aktar superviżjoni minn, u aċċess għal, persunal imħarreġ apposta u multidixxiplinari; kuntatt frekwenti u mill-qrib mal-familja - inkluż matul żjarat fid-djar u sessjonijiet ta' terapija tal-familja - u parteċipazzjoni fil-komunità lokali; kif ukoll taħriġ personali, emozzjonali u tal-ħiliet soċjali, pereżempju, biex jgħinu fit-trawwim ta' drawwiet tajbin tal-ikel u tal-iġjene, fil-kontroll tal-aggressjoni u tal-imġiba vjolenti, fil-prevenzjoni tal-vizzju u fil-bini tal-fiduċja soċjali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ġeneralment ikkonfermaw id-disponibbiltà tar-reklużjoni bħala miżura dixxiplinari għall-arrest preventiv u għad-detenuti kkundannati taħt l-età ta' 18-il sena. Madankollu, huma għamluha ċara li din hija miżura tal-aħħar istanza applikata biss għal reati serji u/jew ripetuti, kif speċifikat fir-regoli tal-ħabs. Tali reati jinkludu l-ħrib, il-kuntrabandu ta' drogi jew ta' oġġetti pprojbiti oħra fil-faċilità, it-theddid u l-attakki vjolenti fuq il-persunal jew detenuti oħra, is-simulazzjoni ta' marda bl-għan li jiġu ttrasportati barra mill-faċilità, il-parteċipazzjoni f'att ta' insubordinazzjoni kollettiva, eċċ. Xi Stati Membri jużaw ir-reklużjoni anke għal raġunijiet ta' protezzjoni f'każijiet ta' awtokorriment suspettat jew riskju ta' suwiċidju, għal raġunijiet ta' saħħa, jew meta jkun hemm ħtieġa li jiġu protetti detenuti vulnerabbli oħra. Fil-prinċipju, filwaqt li ż-żmien imqatta' f'reklużjoni se jkollu jkun proporzjonat għar-raġuni li għaliha jkun ġie impost, id-durata massima tista' tvarja b'mod sinifikanti minn 3-21 jum. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, din tvarja minn 5-10 ijiem, filwaqt li Stat Membru wieħed jillimita l-miżura għal 4 sigħat kuljum għal mhux aktar minn 5 ijiem konsekuttivi, u ieħor normalment japplikaha biss matul il-ħin tar-rikreazzjoni sabiex ma taffettwax l-attivitajiet tal-iskola. Fl-aħħar nett, filwaqt li ftit Stati Membri fil-fatt speċifikaw kemm-il darba jiġu rieżaminati d-deċiżjonijiet ta' reklużjoni, ħafna nnotaw l-importanza tas-superviżjoni medika u psikoloġika.

Minbarra, jew minflok, ir-reklużjoni, diversi Stati Membri kkonfermaw ukoll id-disponibbiltà ta' miżuri dixxiplinari oħra inqas invażivi għal tfal taħt l-età ta' 18-il sena. L-aktar komuni jinkludu t-twissijiet u t-twiddib, iż-żieda fis-sorveljanza, il-konfiska jew iż-żamma ta' ċerti oġġetti, ir-restrizzjoni tal-flus u x-xiri fil-maħżen tal-ħabs, ir-restrizzjoni ta' attivitajiet ta' rikreazzjoni (komunali) u avvenimenti kulturali, it-tneħħija ta' apparati awdjoviżivi (bħal televiżjoni personali), inqas żjarat u telefonati jew żjarat iqsar, is-sospensjoni tad-dritt li wieħed jaħdem, u l-projbizzjoni fuq ir-riċeviment ta' pakketti. Dawn il-miżuri kollha huma temporanji, li jdumu minn ftit jiem sa diversi xhur kull darba, u jridu jkunu proporzjonati għar-reat dixxiplinari mwettaq. B'hekk, in-nuqqas ta' rispett lejn il-persunal jew in-nuqqas ta' tindif taċ-ċella proprja, pereżempju, jeħtieġ rispons aktar ħafif mis-serq jew mit-traffikar tad-drogi. Xi Stati Membri enfasizzaw l-importanza li jintużaw miżuri dixxiplinari biss jekk l-interventi ristorattivi jew pedagoġiċi jkunu fallew.

### Xejriet ġenerali

Madwar l-Istati Membri, il-protezzjoni tat-tfal u tal-adulti żgħażagħ hija prijorità għolja. Is-separazzjoni minn mal-adulti, l-edukazzjoni obbligatorja u l-appoġġ psikoloġiku estensiv huma implimentati b'mod wiesa'. Il-limitazzjonijiet fuq ir-reklużjoni u l-enfasi fuq il-kuntatt mal-familja jipprovdu salvagwardji konsistenti. L-approċċi għall-adulti żgħażagħ (18-21 sena) ivarjaw b'mod aktar wiesa', iżda ħafna sistemi jirrikonoxxu dejjem aktar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-iżvilupp tagħhom.

## 15. Miżuri speċjali għal persuni b'diżabilità / b'kundizzjonijiet mediċi serji

*(75) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jew persuni oħra b'kundizzjonijiet mediċi serji jirċievu kura xierqa komparabbli ma' dik ipprovduta mis-sistema nazzjonali tas-saħħa pubblika li tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li persuni li jiġu dijanjostikati b'kundizzjonijiet mediċi relatati mas-saħħa mentali jirċievu kura professjonali speċjalizzata, fejn meħtieġ f'istituzzjonijiet speċjalizzati jew f'taqsimiet dedikati tal-faċilità ta' detenzjoni taħt superviżjoni medika, u li l-kontinwità tal-kura tas-saħħa tkun provduta lil detenuti bi tħejjija għar-rilaxx, fejn hemm bżonn.*

*(76) L-Istati Membri jenħtieġ li jiddedikaw attenzjoni speċjali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' u jiżguraw l-aċċessibbiltà għad-detenuti b'diżabilità jew kundizzjonijiet mediċi serji fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni u r-reġimi ta' detenzjoni. Dan jenħtieġ li jinkludi l-forniment ta' attivitajiet xierqa għal tali detenuti.*

Il-persuni b'diżabilità jew b'kundizzjonijiet mediċi serji jiffaċċjaw ostakli fid-detenzjoni, u l-Istati Membri żviluppaw diversi miżuri biex jidentifikaw, jakkomodaw u jappoġġaw il-ħtiġijiet tagħhom. L-Istati Membri jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar it-twassil ta' servizzi tas-saħħa fiżika u mentali, u jistabbilixxu programmi fis-seħħ għall-ġestjoni tad-dipendenza fuq is-sustanzi u l-irtirar tagħhom. Minbarra dawk il-miżuri, il-miżuri l-aktar imsemmija meħuda mill-Istati Membri biex jadattaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni għall-ħtiġijiet tad-detenuti (ta' qabel il-proċess u kkundannati) b'diżabilità jew b'kundizzjonijiet mediċi serji huma relatati mal-aċċessibbiltà taċ-ċelel u tas-swali, u ma' żoni komunali għad-detenuti b'diżabilità fiżika u għad-detenuti anzjani. Dan jista' jinkludi kwalunkwe ħaġa minn toilets fiċ-ċelel li jkunu mgħollijin u siġġijiet tad-doċċa, poġġamani u sodod aġġustabbli miżjuda, sa rampi, liftijiet u kurituri usa' (inkluż fi spazji ta' aċċess). Xi Stati Membri semmew ukoll l-għoti ta' għajnuniet, bħal krozzi u siġġijiet tar-roti - għalkemm dan huwa preżumibbilment meqjus bħala kura tas-saħħa essenzjali fil-ġuriżdizzjonijiet kollha - filwaqt li oħrajn innutaw li d-detenuti jistgħu jirċievu assistenza speċjali biex jgħinuhom jinnavigaw il-ħajja ta' kuljum. Attivitajiet u trattamenti speċjali, bħal programmi sportivi, opportunitajiet ta' xogħol, eċċ., min-naħa l-oħra, issemmew biss minn xi Stati Membri. U fl-aħħar nett, aktar minn terz tal-Istati Membri kollha rrapportaw l-eżistenza ta' swali speċjalizzati tas-saħħa mentali u/jew tal-vizzju tad-droga.

**Xejriet ġenerali**

Madwar l-Istati Membri, ir-rikonoxximent tal-ħtiġijiet relatati mad-diżabilità qed jiżdied, iżda l-implimentazzjoni għadha tvarja. L-adattamenti jinkludu aġġustamenti strutturali u, f'xi każijiet, il-forniment ta' apparat ta' assistenza jew appoġġ individwali biex jgħinu lid-detenuti jimmaniġġaw il-ħajja ta' kuljum. Tweġibiet aktar speċjalizzati, bħal attivitajiet adattati jew swali ddedikati għas-saħħa mentali u d-dipendenza fuq id-droga, huma inqas mifruxa.

**16. Miżuri speċjali għal persuni bi ħtiġijiet speċjali / vulnerabbiltajiet**

*(77) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tqegħid f'detenzjoni ma jaggravax aktar l-emarġinazzjoni tal-persuni minħabba l-orjentazzjoni sesswali, l-oriġini razzjali jew etnika jew it-twemmin reliġjuż tagħhom jew abbażi ta' kwalunkwe raġuni oħra.*

*(78) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jipprevjenu kwalunkwe vjolenza jew trattament ħażin ieħor, bħal abbuż fiżiku, mentali jew sesswali, kontra persuni minħabba l-orjentazzjoni sesswali, l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-twemmin reliġjuż jew abbażi ta' kwalunkwe raġuni oħra mill-persunal fil-faċilità ta' detenzjoni jew minn detenuti oħra. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġu applikati miżuri ta' protezzjoni speċjali fejn ikun hemm riskju ta' tali vjolenza jew trattament ħażin.*

Is-sistemi ta' detenzjoni jiltaqgħu ma' firxa wiesgħa ta' detenuti vulnerabbli, inklużi persuni akbar fl-età, persuni b'mard mentali, dawk f'riskju ta' suwiċidju, detenuti LGBTIQ u persuni bi ħtiġijiet ta' dipendenza fuq is-sustanzi.

Prattikament l-Istati Membri kollha kkonfermaw li jieħdu passi biex jiżguraw is-sikurezza tad-detenuti bi ħtiġijiet u b'vulnerabbiltajiet speċjali, kemm jekk permezz ta' politiki ġenerali kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll permezz ta' taħriġ tal-persunal, klassifikazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet u miżuri ta' protezzjoni, pjanijiet ta' kura u riabilitazzjoni individwali, attivitajiet inklużivi u sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni usa' tad-detenuti, jew l-implimentazzjoni stretta tal-obbligi ta' rapportar intern. Meta ġew mistoqsija speċifikament dwar il-protezzjoni tad-detenuti LGBTIQ+, għadd żgħir ta' Stati Membri rrapportaw linji gwida prattiċi li jindirizzaw problemi speċifiċi bħall-aċċess għal kura tas-saħħa xierqa, arranġamenti għall-ħasil, l-użu ta' pronomi, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, it-tiftix fuq il-ġisem tal-persuna, il-vjolenza u l-bullying, eċċ. Madankollu, prattikament l-Istati Membri kollha identifikaw l-allokazzjoni tad-detenuti transġeneru bħala l-enfasi prinċipali tagħhom. Id-diversi approċċi meħuda f'dan ir-rigward ivarjaw mill-allokazzjoni f'konformità mal-ġeneru (legali) irreġistrat, deċiżjoni każ b'każ (xewqat personali, tħassib dwar is-sigurtà, valutazzjonijiet tal-esperti) jew swali speċjali jew ċelel għal okkupazzjoni minn persuna waħda.

L-Istati Membri ġeneralment ikkonfermaw li t-trattament ormonali jista' jinbeda, jew jitkompla, fil-ħabs.

**Xejriet ġenerali**

Il-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet hija ġeneralment integrata f'operazzjonijiet ta' detenzjoni. Prattikament l-Istati Membri kollha rrapportaw miżuri biex jipproteġu d-detenuti bi ħtiġijiet u b'vulnerabbiltajiet speċjali, inklużi politiki kontra d-diskriminazzjoni, taħriġ tal-persunal, valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u pjanijiet ta' kura jew ta' kollokament individwali.

## 17. Spezzjonijiet u monitoraġġ

*(79) L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw spezzjonijiet regolari minn awtorità indipendenti sabiex tivvaluta jekk il-faċilitajiet ta' detenzjoni humiex amministrati skont ir-rekwiżiti tad-dritt nazzjonali u internazzjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu aċċess mingħajr xkiel lill-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti u lin-network ta' Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni.*

*(80) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-faċilitajiet ta' detenzjoni lill-parlamentari nazzjonali u huma mħeġġa jagħtu aċċess simili lill-membri tal-Parlament Ewropew.*

*(81) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll l-organizzazzjoni ta' żjarat regolari f'faċilitajiet ta' detenzjoni u f'ċentri oħra ta' detenzjoni għall-imħallfin, għall-prosekuturi u għall-avukati tad-difiża bħala parti mit-taħriġ ġudizzjarju tagħhom.*

Il-mekkaniżmi robusti ta' spezzjoni u monitoraġġ huma ċentrali għat-trasparenza, għar-responsabbiltà u għall-prevenzjoni tat-trattament ħażin.

Ħafna Stati Membri joperaw qafas tripartitiku ta' kontrolli interni u esterni, kif ukoll dawk domestiċi u internazzjonali. Dan il-qafas normalment jinkludi (i) imħallfin, prosekuturi u/jew l-ispettorat tal-amministrazzjoni nazzjonali tal-ħabsijiet; (ii) il-Ministeru għall-Ġustizzja bħala l-ogħla awtorità superviżorja, ombudsman u/jew aġenziji u kummissarji speċjalizzati inkarigati mill-awditjar tal-ħabsijiet u mill-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuti, u (iii) membri tal-parlament nazzjonali, u tas-CPT.

Bħala regola ġenerali, aktar ma korp ta' sorveljanza partikolari jkun imbiegħed mis-servizz nazzjonali tal-ħabs, aktar ikun probabbli li s-sejbiet tiegħu jsiru, jew jistgħu jsiru, pubbliċi. Prattikament l-Istati Membri kollha rrapportaw li ma kien hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-aċċess għas-siti u għad-dokumenti, b'mod partikolari għal dawk li jaġixxu bħala Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni. Xi Stati Membri nnotaw li l-informazzjoni sensittiva trid tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali jew tista' tiġi ristretta minħabba raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin, privileġġ mediku, eċċ. u li l-aċċess għas-sit jista' jkun ukoll temporanjament limitat, speċjalment jekk is-sikurezza tal-viżitaturi ma tkunx tista' tiġi garantita.

Meta ġew mistoqsija jekk hemmx xi sistema fis-seħħ għall-monitoraġġ tal-konformità mal-assigurazzjonijiet mogħtija lil Stati Membri oħra bħala parti mill-proċedimenti tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE), ħafna Stati Membri rreferew għall-monitoraġġ ġenerali tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u xi wħud iddikjaraw li din hija r-responsabbiltà tal-qrati, tal-prosekuzzjoni jew tal-Ministeru għall-Ġustizzja, eċċ. Stat Membru wieħed biss iddikjara li

kellu sistema ta' verifika f'ħin reali fi ħdan il-ħabsijiet tiegħu li tissorvelja jekk il-garanziji jkunux qegħdin jiġu rispettati u li toħroġ allerti b'mod awtomatku meta ma jkunux. Fl-istess ħin, hija tivverifika b'mod attiv jekk ikunux ingħatawx assigurazzjonijiet għal wasliet ġodda u tuża ċelloli speċifiċi biex tevita nuqqas ta' konformità.

**Xejriet ġenerali**

L-oqfsa ta' spezzjoni u monitoraġġ huma komprensivi fil-ġuriżdizzjonijiet kollha, għalkemm l-implimentazzjoni tvarja. Is-sorveljanza indipendenti hija istituzzjonalizzata b'mod wiesa', u l-korpi esterni għandhom rwol attiv fl-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet. Il-mekkaniżmi ta' rapportar u ta' segwitu jvarjaw fl-effettività.

## 18. Miżuri speċifiċi sabiex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet

*(82) L-Istati Membri huma mħeġġa jwettqu valutazzjoni inizjali tar-riskju sabiex jiddeterminaw ir-reġim ta' detenzjoni xieraq applikabbli għal detenuti suspettati minn reati terroristiċi u estremisti vjolenti jew ikkundannati għalihom.*

*(83) Abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, dawn id-detenuti jistgħu jitqiegħdu flimkien f'diviżjoni terroristika separata jew jistgħu jiġu mxerrda fost il-popolazzjoni ġenerali tal-ħabsijiet. F'dan l-aħħar każ, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevjenu li tali individwi jkollhom kuntatt dirett mad-detenuti f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà partikolari fid-detenzjoni.*

*(84) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jsiru valutazzjonijiet tar-riskju ulterjuri fuq bażi regolari mill-amministrazzjoni tal-ħabs (fil-bidu tad-detenzjoni, matul id-detenzjoni u qabel il-ħelsien ta' detenuti suspettati jew ikkundannati għal reati terroristiċi u estremisti vjolenti).*

*(85) L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu taħriġ ġenerali ta' sensibilizzazzjoni lill-persunal kollu, u taħriġ lil persunal speċjalizzat, sabiex jirrikonoxxu s-sinjali ta' radikalizzazzjoni fi stadju bikri. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jipprovdu għadd xieraq ta' kappillani tal-ħabsijiet mħarrġa sew li jirrappreżentaw varjetà ta' reliġjonijiet.*

*(86) L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri li jipprevedu programmi ta' riabilitazzjoni, ta' deradikalizzazzjoni u ta' diżimpenn fil-ħabs, bi tħejjija għall-ħelsien, u programmi wara l-ħelsien għall-promozzjoni tar-riintegrazzjoni ta' detenuti kkundannati għal reati terroristiċi u estremisti vjolenti.*

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-appoġġ għad-diżimpenn huma prijoritajiet ewlenin fis-sistemi ta' detenzjoni. L-Istati Membri jużaw varjetà ta' strateġiji li jikkombinaw il-valutazzjoni tar-riskju, l-interventi speċjalizzati, it-taħriġ tal-persunal u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li ġew stabbiliti mill-inqas xi miżuri speċifiċi u spiss diversi miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet. Madankollu, ta' min jinnota li mhux l-Istati Membri kollha implimentaw l-istess miżuri bl-istess mod.

Eżempju wieħed, imsemmi ta' spiss, huwa li l-għodod ta' valutazzjoni tar-riskju jintużaw b'mod wiesa' biex jidentifikaw individwi f'riskju ta' radikalizzazzjoni jew li juru ideoloġiji estremisti.

Xi ġuriżdizzjonijiet joperaw unitajiet jew swali speċjalizzati ddedikati għal individwi vvalutati bħala li joħolqu riskji ta' radikalizzazzjoni. Sistemi oħrajn jevitaw is-segregazzjoni fiżika biex jipprevjenu l-formazzjoni ta' networks estremisti, u minflok jagħżlu li jintegraw id-detenuti mal-popolazzjoni ġenerali tal-ħabs.

Il-programmi ta' deradikalizzazzjoni u ta' diżimpenn huma wkoll disponibbli b'mod wiesa' fl-Istati Membri, kif ukoll ir-rikors għal kooperazzjoni bejn diversi aġenziji mal-aġenziji nazzjonali tas-sigurtà, mal-awtoritajiet tal-pulizija, mas-servizzi ta' probation u mal-organizzazzjonijiet tal-komunità biex jimmonitorjaw lill-individwi qabel u wara l-ħelsien.

It-taħriġ tal-persunal, ivarja minn żvilupp professjonali "bażiku", kontinwu u progressiv għal programmi estensivi mfassla biex jagħtu għarfien u ħiliet sodi u aġġornati dwar il-valutazzjoni tar-radikalizzazzjoni, il-prevenzjoni u l-istrateġiji ta' intervent.

### Xejriet ġenerali

Madwar l-Istati Membri, l-istrateġiji għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, bħall-valutazzjoni tar-riskju, l-interventi speċjalizzati u l-kooperazzjoni multidixxiplinari huma mifruxa. Xi Stati Membri jibbażaw fuq is-segregazzjoni, filwaqt li oħrajn jagħtu prijorità lill-integrazzjoni mal-popolazzjoni ġenerali tal-ħabsijiet. Minkejja xi differenzi fil-livell tat-taħriġ tal-persunal, il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji ġeneralment hija żviluppata sew.

## Konklużjonijiet, l-aħjar prattiki u t-triq 'il quddiem

### Konklużjonijiet ġenerali

Il-valutazzjoni komparattiva tal-arrest preventiv u l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni turi li l-Istati Membri stabbilew qafas legali li jirrifletti b'mod wiesa' l-istandards Ewropej u internazzjonali. Fiż-żewġ oqsma, madankollu, hemm distakk rikorrenti bejn il-liġi u l-prattika.

Fil-qasam tal-arrest preventiv, il-biċċa l-kbira tas-sistemi jistabbilixxu l-prinċipju li ċ-ċaħda tal-libertà qabel il-proċess trid tkun eċċezzjonali, u soġġetta għal testijiet tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Huwa disponibbli katalogu wiesa' ta' alternattivi, iżda dawn il-miżuri għadhom ma jintużawx biżżejjed. Minkejja r-rikonoxximent formali tal-obbligi ta' rapportar, pleġġ, monitoraġġ elettroniku u restrizzjonijiet ta' residenza, il-qrati spiss jiddependu fuq miżuri ta' kustodja. L-ostakli bħan-nuqqas ta' fiduċja, in-nuqqas ta' riżorsi, u r-restrizzjonijiet tekniċi jnaqqsu l-effettività tal-alternattivi, filwaqt li l-istrumenti transfruntiera, bħall-Ordni ta' Superviżjoni Ġudizzjarja (ESO), għadhom partikolarment mhux utilizzati biżżejjed. Ir-rekwiżit ta' suspett raġonevoli huwa salvagwardja konsistenti, iżda d-definizzjoni u l-limitu tiegħu jvarjaw, u dan iwassal għal differenzi fil-protezzjoni bejn il-ġuriżdizzjonijiet.

Il-qrati huma tipikament obbligati jipprovdu raġunament għal deċiżjonijiet ta' arrest preventiv, iżda l-kwalità ta' dan ir-raġunament hija irregolari, u f'xi każijiet tibqa' ġenerika jew formulajka. Ir-rieżamijiet perjodiċi huma komuni wkoll fil-liġi, iżda l-effettività tagħhom mhux dejjem tkun garantita, u dan iwassal għal riskji li tali rieżamijiet isiru formalità. Id-dritt li wieħed jinstema' qabel l-arrest preventiv huwa rikonoxxut kważi b'mod universali, iżda l-aċċess għall-fajls tal-każijiet u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità - b'mod partikolari fis-seduti b'vidjokonferenza - għadhom oqsma ta' tħassib. Ir-rimedji u l-appelli huma disponibbli, iżda l-iskadenzi, iċ-ċarezza tar-regoli u l-effettività prattika jvarjaw ħafna. Il-perjodi massimi għall-arrest preventiv huma fis-seħħ f'ħafna Stati Membri, iżda d-detenzjoni fit-tul tibqa' sfida rikorrenti f'każijiet kumplessi. It-tnaqqis tal-ħin skontat fl-arrest preventiv mis-sentenzi finali huwa salvagwardja kważi universali, iżda r-regoli dwar il-kumpens f'każijiet ta' ħelsien għadhom mhux uniformi. Minkejja t-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-ESO fl-Istati Membri kollha, l-applikazzjoni prattika tagħha tibqa' minima. B'riżultat ta' dan, is-suspettati barranin spiss jibqgħu f'arrest preventiv anke meta tkun tista' tiġi organizzata superviżjoni ekwivalenti fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali, l-istandards minimi għall-akkomodazzjoni huma stabbiliti b'mod wiesa', b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju personali u l-aċċess għal faċilitajiet bażiċi. Madankollu l-affollament eċċessiv għadu jdgħajjef il-konformità, u jħalli ħafna detenuti f'sitwazzjonijiet li huma taħt il-parametri referenzjarji internazzjonali. Il-politiki ta' allokazzjoni ġeneralment għandhom l-għan li jisseparaw id-detenuti skont l-istatus legali, il-ġeneru u l-età, iżda r-restrizzjonijiet tal-kapaċità jillimitaw l-implimentazzjoni stretta. L-istandards tal-iġjene u tas-sanità huma garantiti, għalkemm il-privatezza, l-aċċess għall-ilma sħun, u l-kontroll tal-pesti jibqgħu punti dgħajfa. In-nutrizzjoni hija ġeneralment żgurata, iżda d-disparitajiet fil-baġits iwasslu għal kwalità mhux ugwali ta' dieti fost il-faċilitajiet.

Il-ħin barra miċ-ċelel u l-attività ta' kuljum fuq barra huma garantiti, iżda l-prattika reali tvarja b'mod konsiderevoli. L-opportunitajiet għal attivitajiet sinifikanti bħax-xogħol, l-edukazzjoni

u t-taħriġ vokazzjonali huma disponibbli iżda implimentati b'mod mhux uniformi, b'mod partikolari għad-detenuti qabel il-proċess. Il-provvista tal-kura tas-saħħa hija garantita b'mod wiesa', iżda għad hemm lakuni fl-appoġġ għas-saħħa mentali, fil-prevenzjoni tas-suwiċidju u fit-trattament għad-dipendenza. Jeżistu protokolli, iżda s-suwiċidji u l-awtokorriment jibqgħu kwistjonijiet urġenti. Hemm fis-seħħ sforzi biex jiġu evitati l-vjolenza u t-trattament ħażin, inklużi s-sorveljanza u t-taħriġ tal-persunal, iżda l-ġbir u r-rapportar tad-data inkonsistenti jdgħajfu s-sorveljanza.

Id-drittijiet li wieħed ikollu kuntatt mad-dinja ta' barra u mal-assistenza legali huma stabbiliti b'mod sod. Iż-żjarat tal-familja, il-korrispondenza u d-drittijiet tad-difiża legali huma ġeneralment rispettati, b'innovazzjonijiet bħal telefonati bil-vidjo u arranġamenti ta' żjarat adattati għall-minuri jsiru aktar effettivi. Madankollu, l-opportunitajiet ta' komunikazzjoni diġitali jibqgħu limitati, b'mod partikolari għall-persuni ta' nazzjonalità barranija. Il-mekkaniżmi tal-ilmenti huma stabbiliti sew u kkomplementati minn korpi ta' monitoraġġ indipendenti, iżda r-rispons, il-frekwenza tal-ispezzjonijiet u s-segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet ivarjaw ħafna.

Is-salvagwardji speċjali għall-gruppi vulnerabbli - bħan-nisa, it-tfal, il-persuni ta' nazzjonalità barranija, il-persuni b'diżabilità, u oħrajn bi ħtiġijiet speċifiċi - huma rikonoxxuti b'mod wiesa'. Dawn jinkludu kura tas-saħħa sensittiva għall-ġeneru, edukazzjoni speċifika għat-tfal, servizzi ta' interpretazzjoni u infrastruttura aċċessibbli. Madankollu, il-faċilitajiet skaduti, l-affollament eċċessiv u r-riżorsi irregolari jillimitaw l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom. Jeżistu unitajiet u programmi mfassla apposta f'xi postijiet iżda dawn ma humiex universali.

Meħudin flimkien, dawn is-sejbiet juru li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pproduċew qafas legali pjuttost solidu kemm għad-drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv kif ukoll għall-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni. Madankollu, il-lakuni persistenti fl-implimentazzjoni prattika jkomplu jdgħajfu dawn l-istandards. L-isfidi rikorrenti tal-affollament eċċessiv, in-nuqqas ta' użu ta' alternattivi għad-detenzjoni, id-dgħufijiet infrastrutturali u l-protezzjoni mhux uniformi ta' gruppi vulnerabbli jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar sforzi biex jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu rrispettati bis-sħiħ fil-prattika.

## L-aħjar prattiki

Minkejja l-varjazzjoni wiesgħa fl-infrastruttura, fir-riżorsi u fit-tradizzjonijiet legali, ħafna ġuriżdizzjonijiet żviluppaw **l-aħjar prattiki** li jsaħħu s-salvagwardji proċedurali fl-arrest preventiv u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. Dawn il-prattiki jistgħu jappoġġaw ukoll ir-riabilitazzjoni soċjali tad-detenuti u jservu bħala eżempji għal implimentazzjoni usa'.

Fir-rigward tad-**drittijiet proċedurali fl-arrest preventiv**, jistgħu jiġu identifikati l-aħjar prattiki li ġejjin.

- Għadd ta' Stati Membri adottaw rekwiżiti statutorji dettaljati li jobbligaw lill-imħallfin jipprovdu raġunament espliċitu u personalizzat meta jordnaw jew jestendu d-detenzjoni. Dan jinkludi analiżi tal-fatturi ta' riskju, valutazzjonijiet tal-proporzjonalità u spjegazzjonijiet espliċiti għaliex l-alternattivi għall-arrest preventiv (bħas-superviżjoni, id-dmirijiet ta' rapportar jew il-monitoraġġ elettroniku) ma jitqisux adegwati. Tali obbligu li jiġi pprovdut raġunament individwalizzat iżid it-trasparenza u joħloq salvagwardji aktar b'saħħithom kontra arrest preventiv eċċessiv jew arbitrarju.

- L-aħjar prattiki jinkludu l-użu ta' perjodi ta' detenzjoni qosra u mhux rinnovabbli li jirrikjedu rieżami ġudizzjarju frekwenti. Is-seduti ta' smigħ awtomatiċi jipprevjenu detenzjoni fit-tul mingħajr sorveljanza u jiżguraw evalwazzjoni kontinwa tal-progress tal-każ, tar-riskju u tal-proporzjonalità. F'xi sistemi, id-detenzjoni estiża trid tiġi awtorizzata minn qrati superjuri, u tipprovdi saff addizzjonali ta' skrutinju.
- Sistemi diġitali avvanzati li jsegwu l-iskadenzi proċedurali, il-limiti ta' żmien għad-detenzjoni u r-rieżamijiet skedati jgħinu biex jiġu evitati estensjonijiet illegali ta' arrest preventiv. L-allerti awtomatizzati għall-imħallfin u għall-prosekuturi jappoġġaw azzjoni f'waqtha u jnaqqsu l-iżbalji amministrattivi. Dawn is-sistemi huma partikolarment effettivi fejn il-volumi tal-każijiet ikunu għoljin.
- Xi Stati Membri jiżguraw li l-avukati tad-difiża jinħatru awtomatikament (aktar milli jintalbu), irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tas-suspettat jew tal-akkużat, hekk kif dik il-persuna tiġi mċaħħda mil-libertà. Dan jiżgura li d-detenuti jibbenefikaw minn aċċess rapidu għal parir legali matul il-perjodu ta' arrest preventiv, pereżempju, permezz tal-parteċipazzjoni tal-avukat difensur f'atti investigattivi bikrija, u rappreżentanza effettiva fis-seduti ta' arrest preventiv.
- L-Istati Membri b'sistema aktar ċentralizzata għall-ħruġ u għall-eżekuzzjoni tal-ESOs jużaw dak l-istrument aktar ta' spiss. Approċċ aktar ċentralizzat jippermettilhom jibnu networks u għarfien espert dwar l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-miżuri ta' superviżjoni, bħala alternattiva għall-arrest preventiv fi Stati Membri oħra.

Fir-rigward tal-**kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni,** jistgħu jiġu identifikati l-aħjar prattiki li ġejjin**.**

- Xi Stati Membri introduċew sistemi bbażati fuq l-IT li jsegwu l-livelli ta' okkupazzjoni u awtomatikament jipprevjenu lill-faċilitajiet milli jaqbżu l-kapaċità. Dawn l-għodod jappoġġaw l-allokazzjoni ekwa tad-detenuti fil-faċilitajiet kollha u jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti spazjali minimi. Il-monitoraġġ f'ħin reali jgħin ukoll lill-amministrazzjonijiet jippjanaw trasferimenti biex jevitaw l-affollament eċċessiv.
- Il-ħabsijiet aktar ġodda mfassla b'dawl naturali, ventilazzjoni u kontrolli ambjentali mtejba jirrappreżentaw l-aħjar prattiki fl-iżvilupp tal-infrastruttura. Tali faċilitajiet spiss jinkorporaw sistemi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ċelel għal okkupazzjoni minn persuna waħda u aċċessibbiltà aħjar għad-detenuti b'diżabilità.
- Diversi Stati Membri jħarrġu lill-persunal f'approċċi dinamiċi ta' sigurtà li jenfasizzaw il-komunikazzjoni, il-bini tal-fiduċja, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-interazzjoni ta' kuljum mad-detenuti. Dan l-approċċ inaqqas id-dipendenza fuq restrizzjonijiet fiżiċi u l-iżolament u jtejjeb is-sikurezza ġenerali. Moduli ta' taħriġ speċjalizzati dwar is-saħħa mentali, il-komunikazzjoni interkulturali u l-kura infurmata dwar it-trawma jkomplu jsaħħu l-kapaċità tal-persunal.
- Xi Stati Membri jwettqu skrinjar mediku immedjat u multidixxiplinari mad-dħul, inklużi valutazzjonijiet psikoloġiċi, evalwazzjonijiet tad-dipendenza u ttestjar tal-mard infettiv. Id-detezzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet tippermetti interventi rapidi u tnaqqas ir-riskju ta' deterjorament.
- L-unitajiet tas-saħħa mentali ddedikati b'persunal minn psikjatri, psikologi u infermiera speċjalizzati jirrappreżentaw prattika tajba. Dawn l-unitajiet jipprovdu terapija strutturata, intervent f'każ ta' kriżi, ġestjoni tal-mediċini u trattament fit-tul għad-detenuti bi ħtiġijiet kumplessi tas-saħħa mentali. Dawn inaqqsu l-ibbażar fuq ir-reklużjoni għall-individwi fi kriżi u jtejbu l-kontinwità tal-kura.

- Xi Stati Membri jużaw oqfsa komprensivi għall-prevenzjoni tal-vjolenza li jikkombinaw it-taħriġ tal-persunal, il-ġbir tal-intelligence, il-programmi ta' medjazzjoni tal-kunflitti u l-interventi mmirati għal individwi b'riskju għoli. Dawn l-istrateġiji jgħinu biex titnaqqas kemm il-vjolenza ta' priġunieri kif ukoll il-vjolenza tal-persunal għad-detenuti.
- L-aħjar prattiki jinkludu r-reġistrazzjoni ċentralizzata u dettaljata tal-inċidenti kollha relatati mal-użu tal-forza, l-eżamijiet mediċi obbligatorji wara kwalunkwe użu tal-forza u s-sorveljanza indipendenti tar-rieżamijiet tal-inċidenti.
- Is-sistemi penitenzjarji effettivi jiżguraw li kull detenut jirċievi pjan personalizzat li jindirizza l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-ħtiġijiet tas-saħħa, l-appoġġ psikoloġiku u l-għanijiet ta' riintegrazzjoni. Il-pjanijiet jiġu rieżaminati u aġġornati regolarment b'input minn timijiet multidixxiplinari, inklużi s-servizzi ta' probation.
- Is-sħubijiet ma' kumpaniji privati u ma' organizzazzjonijiet tas-suq tax-xogħol jipprovdu lill-priġunieri bi kwalifiki vokazzjonali u b'esperjenza ta' xogħol reali. Dawn l-opportunitajiet itejbu b'mod sinifikanti l-prospetti ta' impjieg ta' wara l-ħelsien.
- L-aċċess ikkontrollat għall-għodod ta' apprendiment diġitali - bħal tablets b'aċċess limitat għall-internet, libreriji elettroniċi jew korsijiet online akkreditati - jispikka bħala l-aħjar prattika. Dawn l-għodod itejbu l-opportunitajiet edukattivi għad-detenuti, speċjalment għat-tfal u għall-adulti żgħażagħ.
- Kmamar speċjalizzati għaż-żjarat, programmi ta' trobbija tat-tfal u żjarat estiżi għad-detenuti bi tfal żgħar jippromwovu l-istabbiltà u l-benesseri tal-familja. Tali prattiki jgħinu biex jinżammu relazzjonijiet pożittivi u jappoġġaw ir-riintegrazzjoni.
- Il-kombinazzjoni taż-żjarat personali ma' telefonati bil-vidjo, sistemi ta' messaġġi diġitali u aċċess għall-posta elettronika mmonitorjat jespandi l-għażliet ta' komunikazzjoni u jnaqqas l-iżolament - b'mod partikolari għad-detenuti minn reġjuni mbiegħda jew dawk b'restrizzjonijiet ta' mobbiltà.
- Unitajiet separati jew servizzi ta' appoġġ imfassla apposta għal gruppi vulnerabbli joħolqu ambjenti aktar sikuri u jipprovdu interventi mmirati. Eżempji jinkludu unitajiet għall-ommijiet u għall-ulied, swali taż-żgħażagħ b'servizzi edukattivi aktar estensivi, u faċilitajiet dedikati għal persuni detenuti akbar fl-età.
- L-aħjar prattiki jinkludu li l-korpi nazzjonali ta' monitoraġġ tal-ħabsijiet jitħallew jaċċessaw mingħajr restrizzjonijiet iż-żoni, id-detenuti u r-rekords kollha, u li jiġu żgurati spezzjonijiet regolari mingħajr avviż.
- Xi Stati Membri jirrikjedu pjanijiet ta' azzjoni formali b'rispons għas-sejbiet tal-ispezzjoni u jistituzzjonalizzaw il-mekkaniżmi ta' segwitu biex jevalwaw il-progress. Dan isaħħaħ ir-responsabbiltà u jixpruna l-isforzi ta' riforma.

## It-triq 'il quddiem

It-**triq 'il quddiem** tinsab fil-konsolidazzjoni tal-progress li sar fil-livell legali filwaqt li titnaqqas id-diskrepanza bejn l-istandards u r-realtà ta' kuljum fil-prattika.

Fir-rigward tal-**arrest preventiv**, l-oqfsa legali nazzjonali huma konformi b'mod ġenerali, iżda fil-prattika r-rikors għall-arrest preventiv għadu eċċessiv fl-UE. Il-prinċipju ta' arrest preventiv bħala miżura tal-aħħar istanza għandu jiġi applikat b'mod aktar konsistenti. Id-deċiżjonijiet li jimponu l-arrest preventiv jenħtieġ li dejjem jinkludu raġunament individwalizzat sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità u alternattivi għall-arrest preventiv, inkluż l-Ordni ta' Superviżjoni

Ġudizzjarja (id-Deċiżjoni Qafas 2009/829/JHA), jenħtieġ li jiġu applikati b'mod aktar sistematiku.

Fir-rigward tal-**kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni**, l-indirizzar tad-domandi ta' affollament eċċessiv mhux biss l-investiment fl-infrastruttura iżda wkoll ir-riformi strutturali fil-politika tas-sentenzi u dipendenza akbar fuq sanzjonijiet alternattivi. It-tisħiħ tal-provvista tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għas-saħħa mentali, il-prevenzjoni tas-suwiċidju u t-trattament għad-dipendenza, se jtejjeb kemm l-eżiti fil-prospetti ta' detenzjoni kif ukoll ta' riintegrazzjoni wara l-ħelsien. L-espansjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ vokazzjonali u għal xogħol sinifikanti hija vitali bl-istess mod, filwaqt li jiġi żgurat li d-detenzjoni tappoġġa r-riabilitazzjoni aktar milli żżid ir-riskju ta' reati ripetuti

Is-salvagwardji għall-gruppi vulnerabbli jridu jissarrfu fi prattika konsistenti, permezz ta' reġimi sensittivi għall-ġeneru, faċilitajiet adattati għall-minuri, infrastruttura aċċessibbli u servizzi speċjalizzati mfassla apposta għall-ħtiġijiet individwali. L-użu ta' għodod diġitali biex jiġu ffaċilitati l-ilmenti, il-monitoraġġ u l-kuntatt mad-dinja ta' barra għandu jiġi estiż biex jiżdiedu l-aċċessibbiltà u t-trasparenza.

**Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ** tal-ħabsijiet iridu jissaħħu wkoll billi l-korpi ta' monitoraġġ indipendenti jingħataw biżżejjed riżorsi u jingħataw is-setgħa li jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom iwasslu għal titjib tanġibbli.

Billi jidentifika l-isfidi sistemiċi u jenfasizza l-aħjar prattiki, dan ir-rapport jikkontribwixxi għall-isforzi kontinwi biex tittejjeb il-konformità mar-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni u mal-istandards internazzjonali. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi evidenza għad-diskussjoni dwar il-politika u li jsaħħaħ il-pedamenti ta' fiduċja reċiproka. L-iżgurar li l-arrest preventiv jintuża bħala l-aħħar istanza u li l-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem ma huwiex biss kwistjoni ta' drittijiet individwali iżda huwa wkoll indispensabbli għall-funzjonament effettiv tal-MAE u, b'mod aktar wiesa', għall-kredibbiltà tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri tal-UE. Għal dan il-għan, se tiżviluppa, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa, **skedi informattivi għall-pajjiżi** li jistabbilixxu s-sitwazzjoni ta' detenzjoni f'kull Stat Membru.

Għaddejjin ukoll diskussjonijiet dwar kif il-korpi ta' monitoraġġ tal-ħabsijiet tal-UE jistgħu **jużaw il-kwestjonarju** żviluppat għal dan ir-rapport biex tiżdied il-konsistenza fil-prattiki ta' monitoraġġ madwar l-UE.

**L-attivitajiet ta' taħriġ** dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni se jingħataw prijorità wkoll. F'dan il-kuntest issir referenza għall-Gwida tal-2025 għall-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar id-Detenzjoni, kif żviluppata skont il-proġett konġunt UE/KtE https://www.coe.int/en/web/implementation/european-npm-forum.